IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 25.4.2018
COM(2018) 234 final

2018/0111 (COD)

Proposta għal

DIRETTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

dwar l-użu mill-ġdid tal-informazzjoni tas-settur pubbliku (riformulazzjoni)

{SWD(2018) 127 final} - {SWD(2018) 128 final} - {SWD(2018) 129 final} - {SWD(2018) 145 final}

MT MT

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. KUNTEST TAL-PROPOSTA

• Raġunijiet u għanijiet tal-proposta

Is-settur pubbliku fl-Istati Membri tal-UE jipproduċi ammonti kbar ta' dejta, pereżempju dejta meteoroloġika, mapep diġitali, statistika u informazzjoni legali. Din l-informazzjoni hi riżorsa prezzjuża għall-ekonomija diġitali. Ma tintużax biss bħala materja prima prezzjuża għall-produzzjoni ta' applikazzjonijiet u servizzi bbażati fuq id-dejta, iżda anki twassal għal aktar effiċjenza fil-forniment tas-servizzi privati u pubbliċi u għal teħid ta' deċiżjonijiet aktar informati. Għalhekk, l-UE ilha bosta snin tippromovi l-użu mill-ġdid tal-informazzjoni tas-settur pubbliku ("PSI").

Id-Direttiva 2003/98/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-użu mill-ġdid ta' informazzjoni tas-settur pubbliku (id-"Direttiva PSI") ġiet adottata fis-17 ta' Novembru 2003. Id-Direttiva kellha l-għan li tiffaċilita l-użu mill-ġdid tal-PSI mal-Unjoni kollha billi tarmonizza l-kundizzjonijiet bażiċi għall-użu mill-ġdid u tneħħi xkiel ewlieni għall-użu mill-ġdid fis-suq intern. Din introduċiet dispożizzjonijiet dwar in-nondiskriminazzjoni, it-tariffar, l-arranġamenti esklussivi, it-trasparenza, il-liċenzjar u l-għodod prattiċi li jiffaċilitaw is-sejbien u l-użu mill-ġdid tal-informazzjoni tas-settur pubbliku.

F'Lulju 2013, id-Direttiva 2003/98/KE ġiet emendata bid-Direttiva 2013/37/UE, bil-għan li l-Istati Membri jiġu mħeġġa jagħmlu l-aktar materjali miżmuma mill-korpi tas-settur pubbliku disponibbli għall-użu mill-ġdid kemm jista' jkun possibbli. Il-modifiki jintroduċu obbligu li jippermetti l-użu mill-ġdid tad-dejta pubblika aċċessibbli b'mod ġenerali, iwessgħu l-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva biex jinkludi dokumenti[1] mil-libreriji pubbliċi, mill-mużewijiet u mill-arkivji, jistabbilixxi regola standard ta' tariffar li jkun limitat għall-ispiża marġinali tar-riproduzzjoni, il-forniment u t-tixrid tal-informazzjoni, u jobbligaw lill-korpi tas-settur pubbliku biex ikunu aktar trasparenti fejn jidħlu r-regoli tat-tariffi u l-kundizzjonijiet li japplikaw. Id-Direttiva emendatorja ġiet implimentata fil-leġiżlazzjoni nazzjonali minn kull wieħed mit-28 Stat Membru tal-UE.

L-Artikolu 13 tad-Direttiva jitlob lill-Kummissjoni Ewropea twettaq rieżami tal-applikazzjoni tad-Direttiva u tikkomunika r-riżultati, flimkien ma' kwalunkwe proposti għal emendi, qabel it-18 ta' Lulju 2018. Ir-rieżami sar mill-Kummissjoni u wassal għall-pubblikazzjoni ta' rapport ta' evalwazzjoni[2]. Ir-rapport sab li d-Direttiva għadha tikkontribwixxi biex jintlaħqu l-għanijiet ta' politika ewlenin tagħha, iżda hemm għadd ta' kwistjonijiet li jeħtieġ jiġu indirizzati ħalli jinħataf bis-sħiħ il-potenzjal tal-informazzjoni tas-settur pubbliku għas-soċjetà u l-ekonomija Ewropea. Dawn jinkludu li jingħata aċċess f'ħin reali għal dejta dinamika permezz ta' mezzi tekniċi adegwati, li jiżdied il-forniment ta' dejta pubblika ta' valur għoli għall-użu mill-ġdid, li jkun evitat il-ħolqien ta' forom ġodda ta' arranġamenti esklussivi, li jiġi limitat l-użu ta' eċċezzjonijiet għall-prinċipju ta' tariffar tal-ispiża marġinali, u li tiġi ċċarata r-relazzjoni bejn id-Direttiva PSI u ċerti strumenti legali relatati.

Din il-proposta għandha l-għan li tindirizza l-kwistjonijiet imsemmija hawn fuq u li tadatta d-Direttiva skont l-aħħar żviluppi fil-qasam tal-immaniġġar u l-użu tad-dejta. L-għan ġenerali

---

[1] It-terminu "dokument", kif definit fl-Artikolu 2 tad-Direttiva, jenħtieġ jiġi interpretat b'mod wiesa' u b'mod li jirrappreżenta wkoll dawn il-kunċetti bħad-dejta u l-kontenut.

[2] SWD(2018) 145.

hu li jingħata kontribut biex tissaħħaħ l-ekonomija tad-dejta tal-UE billi jiżdied l-ammont tad-dejta tas-settur pubbliku disponibbli għall-użu mill-ġdid, ikunu żgurati kompetizzjoni ġusta u aċċess faċli għas-swieq abbażi tal-informazzjoni tas-settur pubbliku, u titjieb l-innovazzjoni transfruntiera bbażata fuq id-dejta.

Fl-istess ħin, ir-rieżami tad-Direttiva PSI hi parti importanti mill-inizjattiva dwar l-aċċessibbiltà u l-użu mill-ġdid tad-dejta pubblika u ffinanzjata mill-pubbliku, imħabbra mill-Kummissjoni fl-evalwazzjoni ta' nofs it-terminu dwar l-Istrateġija tas-Suq Uniku Diġitali (DSM)[3].

- **Konsistenza mad-dispożizzjonijiet ta' politika eżistenti fil-qasam ta' politika**

Il-proposta ssegwi l-għanijiet stabbiliti fl-Istrateġija tas-Suq Uniku Diġitali u hi konsistenti mal-istrumenti legali eżistenti.

Din hi koerenti mal-leġiżlazzjoni fis-seħħ dwar il-protezzjoni tad-dejta, jiġifieri r-Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data (GDPR)[4] u mar-regoli riveduti dwar il-Privatezza Elettronika[5]. Hu ċar li r-relazzjoni bejn il-liġi dwar il-protezzjoni tad-dejta u l-użu mill-ġdid tal-PSI – fis-sens li l-korp tas-settur pubbliku u l-utent li juża mill-ġdid iridu jikkonformaw għalkollox mal-liġi dwar il-protezzjoni tad-dejta – hi parti stabbilita mid-dritt tal-Unjoni.

Il-proposta għandha wkoll l-għan li tiċċara r-relazzjoni bejn id-Direttiva PSI u d-dritt *sui generis* previst fl-Artikolu 7 tad-Direttiva dwar il-Bażijiet tad-Dejta[6]. Il-proposta la tbiddel il-protezzjoni mogħtija mill-Artikolu 7 lill-korpi tas-settur pubbliku li huma produtturi ta' bażijiet tad-dejta, u lanqas ma tbiddel is-sitwazzjoni legali skont id-Direttiva attwali li żżomm lill-korpi tas-settur pubbliku milli jeżerċitaw id-dritt *sui generis* tal-protezzjoni biex jipprojbixxu jew jirrestrinġu l-użu mill-ġdid tad-dejta li hemm fil-bażijiet tad-dejta.

Fl-aħħar nett, il-proposta tibni fuq il-proposta għal Regolament dwar il-fluss liberu tad-dejta mhux personali[7], li ladarba tiġi adottata, se tiżgura li jkun hemm suq intern aktar kompetittiv u integrat għall-ħżin tad-dejta u servizzi oħra tal-ipproċessar, li jikkumplimentaw id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva PSI.

- **Konsistenza ma' politiki oħra tal-Unjoni**

Billi toħloq il-kundizzjonijiet it-tajba għal aċċess aħjar għad-dejta tas-settur pubbliku fl-Unjoni kollha, u għall-użu mill-ġdid tagħha, din il-proposta tikkumplimenta inizjattivi oħrajn tal-istrateġija tas-Suq Uniku Diġitali.

Din hi konsistenti mal-gwida li ppubblikat il-Kummissjoni dwar il-qsim tad-dejta bejn in-negozji u bejn in-negozji u s-settur pubbliku[8], li hi segwitu tal-konsultazzjoni pubblika

---

[3] COM(2017) 228 final.

[4] Ir-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' April 2016 dwar il-protezzjoni tal-persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' dejta personali u dwar il-moviment liberu ta' tali data, u li jħassar id-Direttiva 95/46/KE (Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data).

[5] Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ir-rispett għall-ħajja privata u l-protezzjoni ta' data personali f'komunikazzjoni elettronika u li jħassar id-Direttiva 2002/58/KE, COM(2017) 10 final.

[6] Id-Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill 96/9/KE tal-11 ta' Marzu 1996, dwar il-protezzjoni legali ta' databases.

[7] COM(2017) 495 final.

[8] SWD(2018) 125.

mnedija bil-Komunikazzjoni "Il-Bini ta' Ekonomija Ewropea tad-Dejta"[9]. Il-gwida tikkonċerna firxa ta' kwistjonijiet relatati mal-qsim tal-ammont dejjem akbar ta' dejta, li ta' spiss jinħoloq b'mod awtomatizzat mill-magni jew bi proċessi bbażati fuq teknoloġiji emerġenti, bħall-Internet tal-Oġġetti (IoT).

L-aċċess għad-dejta tas-settur pubbliku u l-użu mill-ġdid tagħha huma rikonoxxuti bħala mutur importanti fil-qasam tal-analitika tal-big data u tal-Intelliġenza Artifiċjali. F'dan il-kuntest, il-proposta tikkumplimenta l-inizjattiva dwar is-superkompjuters tal-ġenerazzjoni li jmiss, li huma kapaċi jaħdmu għaxar darbiet aktar veloċi mill-aktar kompjuter veloċi ta' żmienna, u li se jkun hemm bżonnhom biex jerġgħu jikkombinaw, jikkorrelataw u jwaħħdu l-ammonti dejjem akbar tad-dejta. L-UE beħsiebha tieħu rwol ta' tmexxija f'dan il-qasam b'investiment ta' EUR 1 biljun bħala finanzjament pubbliku għal Impriża Konġunta bil-għan li tistabbilixxi netwerk ta' Komputazzjoni ta' Prestazzjoni Għolja sal-2023[10].

Id-Direttiva PSI hi strument legali li jippermetti l-implimentazzjoni ta' politika orizzontali li għandha l-għan tiffaċilita l-użu mill-ġdid tal-informazzjoni tas-settur pubbliku. Fl-istess waqt, din tibqa' konsistenti mal-leġiżlazzjoni settorjali li tistabbilixxi l-kundizzjonijiet tal-aċċess għad-dejta f'oqsma speċifiċi, u tal-użu mill-ġdid tagħha.

Pereżempju, l-aċċess għad-dejta rilevanti ġġenerata fis-settur tat-trasport, u l-użu mill-ġdid tagħha, huma żgurati permezz ta' leġiżlazzjoni dwar il-forniment ta' servizzi tal-informazzjoni dwar l-ivvjaġġar multimodali fl-UE kollha[11]. Fis-settur tal-enerġija, proposta riċenti għal riformulazzjoni tad-Direttiva dwar l-Elettriku[12] tinkludi dispożizzjonijiet biex il-konsumaturi jkunu jistgħu jagħtu aċċess lil partijiet terzi għad-dejta tagħhom dwar il-konsum, filwaqt li fis-settur tal-ilma, il-Kummissjoni pproponiet dispożizzjonijiet dwar il-qsim ta' dejta dwar il-parametri tal-ilma fil-kuntest tar-rieżami tad-Direttiva dwar il-kwalità tal-ilma maħsub għall-konsum mill-bniedem[13]. Filwaqt li dawn ir-regoli huma mmexxija minn tħassib speċifiku għas-settur u jiffokaw fuq settijiet magħżula tad-dejta, il-proposta tistabbilixxi qafas orizzontali li jipprovdi armonizzazzjoni minima tal-kundizzjonijiet tal-użu mill-ġdid fl-oqsma u s-setturi.

Il-proposta hi konsistenti wkoll mad-Direttiva INSPIRE[14] u hija msejsa fuqha, biex tistabbilixxi qafas ta' interoperabbiltà teknika u legali għall-qsim tad-dejta spazjali miżmuma mill-awtoritajiet pubbliċi għall-finijiet ta' politika ambjentali u politiki u attivitajiet li jħallu impatt fuq l-ambjent. Għaldaqstant, l-informazzjoni spazjali hi koperta kemm bid-Direttiva PSI kif ukoll bid-Direttiva INSPIRE. Madankollu, filwaqt li din tal-aħħar tiffoka teknikament fuq is-servizzi tal-aċċess għad-dejta, il-mudelli tal-interoperabbiltà, u l-qsim obbligatorju tad-dejta bejn l-amministrazzjonijiet, l-oħra tirregola l-użu mill-ġdid tas-settijiet ta' dejta spazjali, inkluż il-kundizzjonijiet għall-użu mill-ġdid mill-partijiet terzi. Għal aktar ċertezza legali, il-proposta tinkludi kjarifika tar-relazzjoni bejn iż-żewġ Direttivi.

---

9 COM(2017) 9 final.

10 COM(2018) 8 final.

11 Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2017/1926 tal-31 ta' Mejju 2017 li jissupplimenta d-Direttiva 2010/40/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-forniment ta' servizzi ta' informazzjoni dwar l-ivvjaġġar multimodali fl-UE kollha.

12 Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar regoli komuni għas-suq intern tal-elettriku (riformulazzjoni), COM/2016/0864 final/2.

13 Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-kwalità tal-ilma maħsub għall-konsum mill-bniedem (riformulazzjoni), COM/2017/0753 final.

14 Id-Direttiva 2007/2/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Marzu 2007 li tistabbilixxi Infrastruttura għall-Informazzjoni Ġeografika fil-Komunità Ewropea (Inspire).

Fl-aħħar nett, il-proposta tibni fuq l-inizjattivi tal-Kummissjoni fil-qasam tal-aċċess miftuħ u tax-xjenza miftuħa, fosthom ir-Rakkomandazzjoni dwar l-aċċess għall-informazzjoni xjentifika u l-preservazzjoni tagħha, li ġiet riveduta[15] fl-istess ħin bħad-Direttiva PSI. Din tikkumplimenta wkoll l-azzjonijiet li jappoġġaw l-iżvilupp ta' għodod u servizzi li jsostnu x-Xjenza Miftuħa u li jippromwovu kanal ta' aċċess pan-Ewropew għar-riżorsi fil-kuntest tal-Cloud Ewropew tax-Xjenza Miftuħa.

2. BAŻI ĠURIDIKA, SUSSIDJARJETÀ U PROPORZJONALITÀ

- **Bażi ġuridika**

Id-Direttiva PSI ġiet adottata abbażi tal-Artikolu 114 tat-TFUE (95 tat-TKE), għax is-suġġett tagħha jikkonċerna l-funzjonament tajjeb tas-suq intern u ċ-ċirkolazzjoni libera tas-servizzi. Għalhekk kull emenda li ssir fid-Direttiva jrid ikollha l-istess bażi ġuridika.

- **Sussidjarjetà (għall-kompetenza mhux esklużiva)**

Il-proposta tikkonforma mal-prinċipju tas-sussidjarjetà kif stabbilit fl-Artikolu 5 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea (TUE). Dan jimplika valutazzjoni pożittiva ta' żewġ aspetti: it-test tan-neċessità u t-test tal-valur miżjud tal-UE.

It-test tan-neċessità jivvaluta jekk l-għanijiet tal-proposta jistgħux jintlaħqu biżżejjed mill-Istati Membri. Waħedhom, l-Istati Membri ma jistgħux ineħħu l-bqija tal-ostakli għal użu mill-ġdid u miftuħ tal-informazzjoni tas-settur pubbliku, u fl-istess ħin jallinjaw il-qafas ġuridiku mal-ambjent soċjoekonomiku diġitali li qed jevolvi. Aktarx li b'soluzzjonijiet legali nazzjonali diverġenti, tiġi kompromessa t-tendenza dejjem akbar lejn użu mill-ġdid transfruntier; filwaqt li l-livelli differenti ta' "rieda għal dejta miftuħa" fost l-Istati Membri tal-UE għadhom persistenti jew kibru u dan iħalli effett negattiv fuq l-omoġeneità u l-kompetittività fis-Suq Uniku Diġitali. L-azzjonijiet proposti huma proporzjonati għax l-interventi nazzjonali mhumiex kapaċi jiksbu l-istess riżultati (aktar użu mill-ġdid u miftuħ tal-informazzjoni tas-settur pubbliku), u fl-istess ħin jiżguraw ambjent kompetittiv u mhux diskriminatorju fis-Suq Uniku kollu. L-azzjonijiet proposti jistgħu jitqiesu bħala l-pass li jmiss lejn disponibbiltà sħiħa tal-informazzjoni tas-settur pubbliku għall-użu mill-ġdid: għan politiku li kien diġà ġie aċċettat mill-Istati Membri fl-2003 u kkonfermat fl-2013. Min-naħa l-oħra, għall-informazzjoni xjentifika, il-proposta tillimita lilha nnifisha f'li tiżgura l-użu mill-ġdid legali tad-dejta tar-riċerka, u dik id-dejta tar-riċerka biss li tkun diġà saret aċċessibbli b'mod miftuħ permezz ta' obbligi bil-liġi nazzjonali jew permezz ta' ftehimiet ma' korpi tal-finanzjament tar-riċerka. Din ma testendix sett uniformi ta' regoli dwar kif għandhom ikunu żgurati l-aċċess għall-informazzjoni xjentifika kollha, u l-użu mill-ġdid tagħha, iżda tħalli f'idejn l-Istati Membri biex jiddefinixxuhom.

Il-proposta ġiet ivvalutata b'mod pożittiv ukoll fejn jidħol il-valur miżjud tal-UE. Dan ġie kkonfermat b'mod ċar waqt il-proċess tal-evalwazzjoni tal-verżjoni attwali tad-Direttiva PSI[16], li ħareġ fid-dieher li hi meqjusa bħala strument importanti bir-rwol li jħeġġeġ lill-awtoritajiet nazzjonali biex jiftħu aktar dejta tas-settur pubbliku madwar l-UE u li joħloq suq mifrux mal-UE kollha għal prodotti u servizzi bbażati fuq l-informazzjoni tas-settur pubbliku.

---

15 C(2018) 2375.
16 SWD(2018) 145.

- **Proporzjonalità**

Il-proposta hi konformi mal-prinċipju tal-proporzjonalità kif stabbilit fl-Artikolu 5 tat-TUE għax fiha dispożizzjonijiet li ma jmorrux lil hinn minn dak li meħtieġ biex jissolvew il-problemi identifikati u tilħaq l-għanijiet tagħha.

Il-proposta tippreżenta intervent politiku bbilanċjat daqskemm iffokat. Il-proposta timmira għal rekwiżiti ġodda fl-oqsma li jeħtieġu bidla u għalhekk tnaqqas il-piż żejjed tal-konformità fl-oqsma fejn il-bidla mhix essenzjali iżda diffiċli biex issir. Barra minn hekk, il-loġika tal-intervent ittestjata fir-reviżjoni preċedenti tad-Direttiva (li jkun żgurat suq kompetittiv għall-użu mill-ġdid tal-PSI bħala l-ewwel pass, qabel l-applikazzjoni ta' obbligu li jippermetti l-użu mill-ġdid) kienet strateġija effiċjenti, li żgurat li jintlaħqu l-għanijiet għall-gruppi kollha ta' korpi li nġiebu suċċessivament fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva, filwaqt li tippermetti perjodu vast ta' aġġustament.

Il-valutazzjoni tal-impatt[17] mehmuża tipprovdi aktar dettalji dwar il-proporzjonalità u l-kosteffettività tal-għażliet f'din il-proposta leġiżlattiva.

- **Għażla tal-istrument**

Din il-proposta temenda b'mod sostanzjali d-Direttiva 2003/98/KE u żżid għadd ta' dispożizzjonijiet ġodda. Fl-interess taċ-ċarezza, hu propost li jintuża l-metodu tar-riformulazzjoni. Peress li l-istrument li qed jiġi riformulat hu Direttiva, għal raġunijiet ta' konsistenza tal-abbozzar legali u biex tiġi ffaċilitata t-traspożizzjoni tal-att għall-Istati Membri, din il-proposta hi wkoll għal Direttiva.

3. RIŻULTATI TAL-EVALWAZZJONIJIET *EX-POST*, TAL-KONSULTAZZJONIJIET MAL-PARTIJIET IKKONĊERNATI U TAL-VALUTAZZJONIJIET TAL-IMPATT

- **Evalwazzjonijiet *ex-post*/kontrolli tal-idoneità tal-leġiżlazzjoni eżistenti**

Bħala parti mill-Programm dwar l-Idoneità u l-Prestazzjoni tar-Regolamentazzjoni (REFIT), id-Direttiva PSI eżistenti saritilha evalwazzjoni. B'konformità mal-linji gwida tar-Regolamentazzjoni Aħjar, l-evalwazzjoni vvalutat il-kriterji tal-evalwazzjoni tal-effikaċja, l-effiċjenza, il-koerenza, ir-rilevanza u l-valur miżjud tal-UE li jġib miegħu l-intervent. Din ivvalutat ukoll l-impatti ekonomiċi, soċjali u ambjentali tal-intervent. L-evalwazzjoni kellha l-għan li tidentifika opportunitajiet biex jonqsu l-ispejjeż regolatorji u biex tiġi ssimplifikata l-leġiżlazzjoni eżistenti mingħajr ma jintlaqat ħażin l-andament biex jintlaħqu l-għanijiet tal-politika sottostanti.

Ir-rapport tal-evalwazzjoni[18] kkonferma li b'mod ġenerali d-Direttiva PSI tiffunzjona tajjeb. Din tkompli tikkontribwixxi biex jintlaħqu l-għanijiet ta' politika ewlenin tagħha, jiġifieri li jitħeġġeġ is-suq tal-kontenut diġitali għal prodotti u servizzi bbażati fuq l-informazzjoni tas-settur pubbliku, jitħeġġeġ l-isfruttament transfruntier tal-informazzjoni tas-settur pubbliku u jkunu evitati d-distorsjonijiet tal-kompetizzjoni fis-suq tal-UE. Fl-istess ħin, din ħalliet impatt pożittiv fuq it-trasparenza, l-għoti tas-setgħat liċ-ċittadini, u l-effiċjenza tas-settur pubbliku.

[17] SWD(2018) 127.
[18] SWD(2018) 145.

Iżda r-rapport jindika wkoll li hemm għadd ta' kwistjonijiet li jeħtieġ jiġu indirizzati biex jiġi sfruttat bis-sħiħ il-potenzjal ta' informazzjoni tas-settur pubbliku għas-soċjetà u l-ekonomija Ewropea: l-għoti ta' aċċess f'ħin reali għal dejta dinamika permezz ta' mezzi tekniċi xierqa, it-tnaqqis tar-restrizzjonijiet, inkluż l-ostakli finanzjarji, fuq l-użu mill-ġdid ta' dejta pubblika ta' valur għoli, filwaqt li jiġi rikonoxxut li ħafna drabi tiġi ġġenerata dejta rilevanti waqt il-forniment ta' ċerti servizzi ta' interess ekonomiku ġenerali mill-impriżi pubbliċi u mir-riċerka ffinanzjata mill-pubbliku aktar milli mis-settur pubbliku bħala tali, l-eżistenza ta' forom ġodda ta' arranġamenti esklussivi, l-użu ta' eċċezzjonijiet għall-prinċipju ta' tariffar tal-ispiża marġinali u r-relazzjoni bejn id-Direttiva PSI u ċerti strumenti legali relatati.

- **Konsultazzjonijiet mal-partijiet ikkonċernati**

Il-Kummissjoni kkonsultat dwar ir-reviżjoni tad-Direttiva PSI bejn Ġunju 2017 u l-aħħar ta' Jannar 2018. L-għan kien li jiġi vvalutat il-funzjonament tad-Direttiva, filwaqt li jitqies il-kamp ta' applikazzjoni tar-rieżami u ssir riflessjoni rigward l-għażliet ta' politika. Waqt il-proċess tal-konsultazzjoni ntalbu l-fehmiet tad-detenturi tal-informazzjoni tas-settur pubbliku (korpi pubbliċi) u tal-utenti li jużaw mill-ġdid (atturi pubbliċi, privati, kummerċjali u mhux kummerċjali).

Fuq paġna web apposta tar-Regolamentazzjoni Aħjar ġiet ippubblikata Valutazzjoni tal-Impatt tal-Bidu u kienet disponibbli għar-reazzjonijiet għal 4 ġimgħat (mit-18 ta' Settembru 2017 sas-16 ta' Ottubru 2017). Seba' partijiet ikkonċernati bagħtu t-tweġibiet tagħhom.

Fuq il-paġna web apposta tal-Konsultazzjoni ġiet ippubblikata konsultazzjoni pubblika online u kienet disponibbli għar-reazzjonijiet għal 12-il ġimgħa (mid-19 ta' Settembru 2017 sal-15 ta' Diċembru 2017). Il-partijiet interessati kollha, inkluż il-gvernijiet, id-detenturi u l-utenti tal-kontenut tas-settur pubbliku, l-utenti kummerċjali u mhux kummerċjali li jużaw mill-ġdid, l-esperti u l-akkademiċi kif ukoll iċ-ċittadini huma mistiedna jagħtu l-kontribut tagħhom. Il-mistoqsijiet tal-kwestjonarju online ikopru kemm l-evalwazzjoni tal-implimentazzjoni tad-Direttiva attwali kif ukoll il-problemi, l-għanijiet u l-għażliet possibbli għall-futur. Dawk li wieġbu setgħu jtellgħu wkoll dokument, bħal dokument ta' pożizzjoni. B'diversi azzjonijiet immirati, il-Kummissjoni għamlet lill-partijiet ikkonċernati konxji dwar il-konsultazzjoni pubblika online u stednithom jieħdu sehem. Irċeviet ir-reazzjoni ta' 273 parti kkonċernata. B'kollox, sa tmiem il-proċess tal-konsultazzjoni ġew ikkunsidrati 56 dokument, li waslu sa tmiem Jannar 2018.

Bħala parti mill-proċess tal-evalwazzjoni u tal-valutazzjoni tal-impatt, ġew organizzati wkoll għadd ta' avvenimenti mal-partijiet ikkonċernati biex jiġu indirizzati kwistjonijiet partikolari u/jew jiġu mmirati partijiet ikkonċernati speċifiċi, fosthom seduta tas-smigħ pubbliku li saret fid-19 ta' Jannar 2018 u li kienet miftuħa għal kull min xtaq jikkontribwixxi għad-dibattitu dwar l-għamla futura tad-Direttiva PSI. Barra minn hekk, saru diversi laqgħat *ad hoc* ma' rappreżentanti tal-partijiet ikkonċernati.

Il-konklużjoni aħħarija tal-konsultazzjoni kienet li minkejja li b'mod ġenerali d-Direttiva PSI tiffunzjona tajjeb, għad hemm oqsma li jenħtieġ jiġu rieżaminati, fosthom id-disponibbiltà ta' dejta dinamika, ir-regoli tat-tariffar, u d-disponibbiltà akbar ta' informazzjoni tas-settur pubbliku ta' valur għoli, inkluż dejta tar-riċerka u dejta ġġenerata fil-kuntest tal-provvista ta' servizz pubbliku.

- **Ġbir u użu tal-għarfien espert**

Il-proċess tat-tħejjija tal-proposta kien appoġġat bi studju dwar il-funzjonament tad-Direttiva PSI (SMART 2017/0061)[19]. Dan l-istudju kellu l-għan li jgħin lill-Kummissjoni biex tevalwa l-qafas ġuridiku u ta' politika eżistenti li japplika għall-aċċess għad-dejta u l-użu mill-ġdid (jiġi vvalutat ir-rwol li qdiet id-Direttiva PSI fil-promozzjoni tal-użu mill-ġdid tal-informazzjoni tas-settur pubbliku fl-Ewropa kollha), u biex tivverifika jekk dan jistax jitjieb biex jindirizza wħud min-nuqqasijiet identifikati u/jew kwistjonijiet ġodda li nqalgħu wara l-aħħar reviżjoni tad-Direttiva (b'mod partikolari billi jiġu vvalutati l-impatti mistennija ta' għadd ta' għażliet ta' politika/taħlitiet tagħhom). L-istudju kien ibbażat fuq taħlita ta' sorsi u metodi, inkluż intervisti strateġiċi, riċerka bbażata biss fuq id-dokumentazzjoni, intervisti ma' partijiet ikkonċernati fil-livell tal-UE u nazzjonali, sessjonijiet ta' ħidma ma' prattikanti mis-settur pubbliku u akkademiċi, kif ukoll ma' utenti li jużaw l-informazzjoni tas-settur pubbliku mill-ġdid, u ma' atturi tal-ekonomija tad-dejta, stħarriġiet online ma' awtoritajiet pubbliċi, inkluż istituzzjonijiet kulturali pubbliċi, istituti tar-riċerka u tal-edukazzjoni, kif ukoll il-komunità tal-utenti li jużaw mill-ġdid, u l-analiżi tal-konsultazzjoni pubblika online li nediet il-Kummissjoni.

Bħala parti mill-ħidma tat-tħejjija, il-Kummissjoni analizzat ukoll l-aħħar rapport tal-Open Data Maturity in Europe[20], li jkejjel il-maturità tad-Dejta Miftuħa madwar l-Ewropa b'serje ta' indikaturi allinjati mad-dispożizzjonijiet tad-Direttiva PSI. Din l-analiżi ġiet ikkumplimentata b'informazzjoni mir-rapporti disponibbli tal-Istati Membri, li waslu bħala parti mill-qafas tal-monitoraġġ tal-konformità tad-Direttiva PSI skont l-Artikolu 13(2) tagħha. Wasal ukoll kontribut addizzjonali mingħand l-Istati Membri waqt laqgħa tal-Grupp ta' Esperti tal-Istati Membri dwar il-PSI fil-15 ta' Novembru 2017 u waqt laqgħa tal-Grupp Strateġiku tas-Suq Uniku Diġitali fit-22 ta' Frar 2018.

- **Valutazzjoni tal-impatt**

Il-proposta hi bbażata fuq valutazzjoni tal-impatt, li ngħatat opinjoni pożittiva b'xi riżervi mill-Bord tal-Iskrutinju Regolatorju tal-Kummissjoni fis-16 ta' Marzu 2018[21]. Il-kwistjonijiet imqajma mill-Bord tal-Iskrutinju Regolatorju ġew indirizzati fil-verżjoni riveduta tad-Dokument ta' Ħidma tal-Persunal[22] tal-valutazzjoni tal-impatt, li f'taqsima speċifika tiegħu jingħataw dettalji dwar il-bidliet li saru wara l-opinjoni tal-Bord tal-Iskrutinju Regolatorju.

Fil-valutazzjoni tal-impatt tqiesu dawn l-għażliet li ġejjin: a) xenarju bażi (jinżamm l-approċċ attwali mingħajr tibdil); b) tieqaf l-azzjoni eżistenti tal-UE (revoka tad-Direttiva PSI); c) miżuri ta' liġi mhux vinkolanti biss; u d) pakkett ta' soluzzjonijiet li jinkludi kemm l-emendar tad-Direttiva PSI kif ukoll miżuri ta' liġi mhux vinkolanti.

Filwaqt li l-għażliet b) u c) ingħataw il-ġenb fi stadju bikri, l-għażla a) inżammet bħala x-xenarju bażi, filwaqt li l-għażla d) ġiet ippreżentata bħala żewġ pakketti, wieħed bl-elementi kollha b'intensità leġiżlattiva baxxa, u l-ieħor bl-elementi kollha b'intensità leġiżlattiva ogħla. L-elementi koperti f'kull pakkett kienu l-użu tal-APIs għad-dejta dinamika, ir-reviżjoni tar-regoli tat-tariffar, id-disponibbiltà tad-dejta li tirriżulta mill-finanzjament pubbliku tar-riċerka u d-dejta miżmuma mill-impriżi pubbliċi u mill-operaturi privati fis-settur tat-trasport u tal-utilitajiet, kif ukoll l-effett "lock-in" tad-dejta.

---

[19] L-istudju tmexxa minn konsorzju magħmul minn Deloitte, Open Evidence, Wik Consult, Time Lex, Spark, u l-Kunsill ta' Lisbona.

[20] https://www.europeandataportal.eu/en/highlights/open-data-maturity-europe-2017

[21] SEC(2018) 206.

[22] SWD(2018) 127.

Iż-żewġ pakketti kienu soġġetti għal analiżi bir-reqqa biex jitqabblu max-xenarju bażi. Abbażi tal-evidenza ppreżentata fil-valutazzjoni tal-impatt, bħala l-għażla ppreferuta ntgħażel pakkett li jikkombina intervent regolatorju b'inqas intensità flimkien ma' aġġornament tal-liġi mhux vinkolanti eżistenti, abbażi tal-elementi li ġejjin:

Dejta dinamika/APIs: obbligu "ħafif" għall-Istati Membri li jagħmlu d-dejta dinamika disponibbli fil-ħin u li jintroduċu l-APIs. Għal għadd limitat ta' settijiet tad-dejta ta' valur għoli fundamentali (li jridu jiġu adottati permezz ta' Att Delegat) se jkollhom obbligu strett li jagħmlu dan.

It-tariffar: regoli aktar stretti għall-Istati Membri biex jinvokaw l-eċċezzjonijiet għar-regola ġenerali li l-korpi tas-settur pubbliku ma jistgħux jitolbu tariffi ogħla mill-ispejjeż marġinali tad-disseminazzjoni. Tinħoloq lista ta' settijiet tad-dejta ta' valur għoli fundamentali li jenħtieġ ikunu disponibbli b'mod liberu fl-Istati Membri kollha (l-istess settijiet tad-dejta kif imsemmi hawn fuq, li jridu jiġu adottati permezz ta' Att Delegat).

Id-dejta fis-settur tat-trasport u tal-utilitajiet: se jiġu koperti biss l-impriżi pubbliċi, u mhux il-kumpaniji privati. Se japplika sett limitat ta' obbligi: l-impriżi pubbliċi jistgħu jitolbu tariffi ogħla mill-ispejjeż marġinali tad-disseminazzjoni u mhumiex obbligati jirrilaxxaw dejta li ma jridux jirrilaxxaw.

Id-dejta tar-riċerka: L-Istati Membri se jkunu obbligati jiżviluppaw politiki għal aċċess miftuħ għad-dejta xjentifika li tirriżulta mir-riċerka ffinanzjata mill-pubbliku filwaqt li tinżamm il-flessibbiltà fl-implimentazzjoni. Id-Direttiva PSI se tkopri wkoll id-dejta tar-riċerka li diġà saret aċċessibbli permezz tal-mandati tal-aċċess miftuħ, b'enfasi fuq l-aspetti tal-użu mill-ġdid.

In-nonesklussività: rekwiżiti tat-trasparenza għall-ftehimiet pubbliċi privati li jinvolvu l-informazzjoni tas-settur pubbliku (verifika *ex ante*, possibbilment mill-awtoritajiet nazzjonali tal-kompetizzjoni, u l-ftuħ tal-ftehim proprju).

Dan hu kkombinat ma' aġġornament tar-Rakkomandazzjoni dwar l-aċċess għall-informazzjoni xjentifika u l-preservazzjoni tagħha[23] u kjarifika tal-interazzjoni bejn id-Direttiva PSI, u d-Direttiva dwar il-Bażijiet tad-Dejta u d-Direttiva INSPIRE.

L-għażla magħżula tippermetti li jkun hemm intervent immirat u proporzjonali, li jwassal għal tisħiħ inkrementali tal-politika tad-dejta miftuħa tal-Kummissjoni. Hu maħsub li dan iwassal għal titjib sinifikanti meta mqabbel max-xenarju bażi. Dan hu ġeneralment aċċettabbli għall-partijiet ikkonċernati u jista' jiġi promulgat realistikament fi żmien raġonevoli minħabba n-nuqqas ta' oppożizzjoni notevoli mill-Istati Membri. Għalkemm il-benefiċċji tal-intervent regolatorju b'intensità akbar tqiesu sostanzjali, b'mod ġenerali dak ix-xenarju kien ikkaratterizzat minn inqas fattibbiltà, aktar spejjeż tal-konformità, u aktar riskji għall-koerenza legali u politika.

- **Idoneità regolatorja u simplifikazzjoni**

Il-proposta tikkostitwixxi kontribut importanti biex jintlaħqu l-għanijiet tar-REFIT. Din taffettwa żewġ settijiet kbar ta' partijiet ikkonċernati: l-utenti li jużaw mill-ġdid u l-korpi detenturi tad-dokumenti koperti mid-Direttiva, iżda timponi obbligi biss fuq dawn tal-aħħar. Meta jikkunsidra dawn l-obbligi, wieħed jenħtieġ iżomm f'moħħu li ħafna mir-rekwiżiti tad-Direttiva, notevolment dawk relatati mal-arranġamenti prattiċi biex id-dejta tkun disponibbli,

[23] C(2018) 2375.

huma parti minn sforz ġenerali għad-diġitalizzazzjoni tal-amministrazzjoni pubblika[24] u mhux spejjeż speċifiċi relatati mad-Direttiva PSI.

Madankollu, il-proposta fiha dispożizzjonijiet li, b'konformità mal-programm REFIT tal-Kummissjoni, għandhom l-għan li jkomplu jnaqqsu l-piż amministrattiv u jkomplu jiffrankaw l-ispejjeż marbuta mal-implimentazzjoni tad-Direttiva, fost l-oħrajn permezz ta' regoli tat-tariffar u permezz ta' ċarezza fejn tidħol l-interazzjoni ma' strumenti legali oħra tal-UE, bħal pereżempju d-Direttiva dwar il-Bażijiet tad-Dejta u d-Direttiva INSPIRE. Barra minn hekk, l-użu msaħħaħ tal-APIs u l-ippubblikar proattiv tad-dejta dinamika online se jwassal biex jonqos il-piż amministrattiv għall-korpi tas-settur pubbliku minħabba tnaqqis fl-għadd ta' talbiet għall-użu mill-ġdid li jiġu pproċessati u jonqos ir-riskju tal-ilmenti (inkluż ta' tilwim), filwaqt li jekk jispiċċa l-obbligu tar-rappurtar, dan inaqqas il-piż amministrattiv u l-ispejjeż relatati tal-korpi tas-settur pubbliku fil-livell lokali, reġjonali u nazzjonali.

Għad-detenturi tad-dokumenti li d-Direttiva se testendi għalihom b'din l-inizjattiva, il-proposta għandha l-għan li tillimita l-piż amministrattiv. Għad-dokumenti miżmuma minn ċerti impriżi pubbliċi li qed jipprovdu servizz ta' interess ekonomiku ġenerali, il-proposta tillimita l-impatt bi tliet modi. L-ewwel, l-obbligi skont din id-Direttiva japplikaw biss sa fejn l-impriża pubblika inkwistjoni tkun ħadet id-deċiżjoni li tagħmel ċerti dokumenti disponibbli għall-użu mill-ġdid. It-tieni, l-obbligi proċedurali li talba għall-użu mill-ġdid tiġi pproċessata b'ċertu mod u f'limiti speċifiċi ta' żmien ma japplikawx għal dan il-grupp ta' detenturi tad-dejta. Fl-aħħar nett, l-obbligi biex id-dokumenti jsiru disponibbli permezz ta' ċerti mezzi tekniċi huma soġġetti għal eċċezzjonijiet jekk dawn ikunu ta' piż kbir wisq għall-impriżi. Għad-dejta tar-riċerka, kategorija speċifika tad-dokumenti magħmulin mir-riċerkaturi xjentifiċi, il-proposta tillimita l-impatt billi tapplika biss għal din id-dejta tar-riċerka li għaliha r-riċerkatur ikun diġà għamel l-isforzi rilevanti kollha biex jagħmel id-dejta aċċessibbli għall-pubbliku u b'mod partikolari minn repożitorji bbażati fuq l-internet li huma mfassla biex jawtomatizzaw il-proċess tad-disseminazzjoni, u b'hekk kull intervent min-naħa tar-riċerkatur inkwistjoni ma jibqax meħtieġ. Iżda dawn ir-repożitorji bbażati fuq l-internet, tipikament ffinanzjati mill-istituzzjonijiet akkademiċi, għandhom helpdesks apposta biex jassistu lill-utenti li jużaw mill-ġdid meta jkollhom problemi tekniċi biex jaċċessaw id-dokumenti li jkun fihom.

Fl-istess ħin, il-proposta tagħmilha aktar faċli, b'mod konsiderevoli, għall-entitajiet kummerċjali (l-aktar SMEs) biex jibbenefikaw mid-disponibbiltà online tad-dejta ta' kwalità għolja mingħajr spejjeż. Din ixejjen il-bżonn li jsiru talbiet individwali, u jelimina l-ispejjeż tranżazzjonali kollha, u b'hekk jikkontribwixxi iżjed għall-għanijiet REFIT.

- **Drittijiet fundamentali**

Il-proposta ma toħloqx sfidi speċifiċi mil-lat ta' konformità mad-drittijiet fundamentali. Il-proposta hi konformi mad-dritt għall-protezzjoni tad-dejta personali (l-Artikolu 8 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali).

4. IMPLIKAZZJONIJIET GĦALL-BAĠIT

Il-proposta ma tħalli l-ebda impatt fuq il-baġit tal-Unjoni Ewropea.

[24] Ara: L-Azzjoni ta' Politika Nru 4 tad-Dikjarazzjoni ta' Tallinn, https://ec.europa.eu/digital-single-market/en/news/ministerial-declaration-egovernment-tallinn-declaration.

5. ELEMENTI OĦRA

- **Pjanijiet ta' implimentazzjoni u arranġamenti dwar il-monitoraġġ, l-evalwazzjoni u r-rappurtar**

Il-Kummissjoni se tissorvelja l-impatt tad-Direttiva permezz ta' eżerċizzju ta' "analiżi panoramika" regolari mwettaq mill-Portal tad-Dejta Ewropea, li jagħti tagħrif għar-rapport annwali tal-Open Data Maturity.

Il-klawżola tar-reviżjoni nbidlet ħalli l-evalwazzjoni li jmiss tal-impatt tad-Direttiva tkun tista' ssir erba' snin wara d-data tat-traspożizzjoni tad-Direttiva emendatorja. L-evalwazzjoni se teżamina jekk id-Direttiva kkontribwietx biex jintlaħaq l-għan ġenerali tagħha, jiġifieri jekk ikkontribwietx biex tissaħħaħ l-ekonomija tad-dejta tal-UE permezz tat-tisħiħ tal-effett pożittiv tal-użu mill-ġdid tad-dejta tas-settur pubbliku fuq l-ekonomija u s-soċjetà. Din se tkun ibbażata fuq il-ħames kriterji tal-effettività, l-effiċjenza, ir-rilevanza, il-koerenza u l-valur miżjud tal-UE u se tipprovdi l-bażi għall-valutazzjonijiet tal-impatt ta' miżuri oħra possibbli.

Fir-rigward tad-dejta tar-riċerka, il-punti nazzjonali ta' referenza stabbiliti bir-Rakkomandazzjoni dwar l-aċċess għall-informazzjoni xjentifika u l-preservazzjoni tagħha tas-17 ta' Lulju 2012, kif riveduta fil-25 ta' April[25], se jirrapportaw dwar is-segwitu.

- **Dokumenti ta' spjegazzjoni**

Meta jitqies il-kamp ta' applikazzjoni tal-proposta, u l-fatt li din hi riformulazzjoni ta' Direttiva eżistenti, li kull Stat Membru ttraspona għalkollox, la hu ġġustifikat u lanqas proporzjonat li jintalbu dokumenti ta' spjegazzjoni dwar it-traspożizzjoni.

- **Spjegazzjoni fid-dettall tad-dispożizzjonijiet speċifiċi tal-proposta**

Il-Kapitolu I jiddefinixxi l-kamp ta' applikazzjoni sostantiv tad-Direttiva u l-prinċipju ġenerali.

Bir-riformulazzjoni, il-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva għandu jiġi estiż għad-dokumenti miżmuma mill-impriżi pubbliċi li huma attivi fl-oqsma definiti fid-Direttiva 2014/25/UE dwar l-akkwist minn entitajiet li joperaw fis-setturi tal-ilma, tal-enerġija, tat-trasport u tas-servizzi postali u minn impriżi pubbliċi li jaġixxu bħala operaturi tas-servizzi pubbliċi skont ir-Regolament (KE) Nru 1370/2007 sakemm dawn kienu saru bħala parti mill-għoti ta' servizzi ta' interess ġenerali, kif definit mil-liġi jew minn regoli vinkolanti oħra tal-Istat Membru.

Il-kamp ta' applikazzjoni għandu jiġi estiż ukoll għal ċerta dejta tar-riċerka, kategorija speċifika tad-dokumenti magħmula bħala parti minn riċerka xjentifika, jiġifieri r-riżultati tal-proċess tal-ġbir tal-informazzjoni xjentifika (esperimenti, stħarriġiet u ħwejjeġ simili) li huma l-bażi tal-proċess xjentifiku, filwaqt li l-pubblikazzjonijiet fil-ġurnali xjentifiċi jibqgħu jiġu esklużi mill-kamp ta' applikazzjoni għax joħolqu sfidi addizzjonali mil-lat ta' ġestjoni tad-drittijiet. Għaldaqstant, l-eżenzjoni preċedenti tad-dokumenti miżmuma mill-istabbilimenti edukattivi jew tar-riċerka, inkluż mill-organizzazzjonijiet stabbiliti għat-trasferiment tar-riżultati tar-riċerka, l-iskejjel u l-universitajiet, għajr il-libreriji universitarji, se tkun limitata.

Il-prinċipju ġenerali li d-dokumenti li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva jistgħu jintużaw mill-ġdid għal finijiet kummerċjali u mhux kummerċjali skont il-kundizzjonijiet stipulati f'din id-Direttiva (l-Artikolu 3) huwa l-istess għad-dokumenti li kienu jaqgħu fil-

[25] C(2018) 2375.

kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva qabel ir-riformulazzjoni. Għad-dokumenti milquta bl-estensjoni tal-kamp ta' applikazzjoni permezz tar-riformulazzjoni, il-prinċipju ġenerali japplika biss diment li l-impriżi pubbliċi inkwistjoni jkunu għamlu d-dokumenti disponibbli għall-użu mill-ġdid (l-istess bħad-dispożizzjonijiet li bħalissa japplikaw għad-dokumenti li tagħhom il-libreriji, inkluż il-libreriji universitarji, il-mużewijiet u l-arkivji għandhom id-drittjiet tal-proprjetà intellettwali (l-Artikolu 3(2) tad-Direttiva 2003/98/KE kif emendata bid-Direttiva 2013/13/UE)) jew – fil-każ tad-dejta tar-riċerka – meta din id-dejta tkun saret disponibbli mir-riċerkatur permezz ta' repożitorju tad-dejta tar-riċerka bbażat fuq l-internet minħabba rekwiżiti imposti minn finanzjaturi tar-riċerka fuq ir-riċerkatur biex jippermetti aċċess għal din id-dejta, u l-użu mill-ġdid tagħha, lill-pubbliku usa' ("mandat tal-finanzjatur għal Aċċess Miftuħ").

L-Artikolu 1(6) jiċċara li l-hekk imsejjaħ dritt *sui generis* li jipproteġi lil dawk li joħolqu l-bażijiet tad-dejta, kif previst fl-Artikolu 7 tad-Direttiva 96/9/KE dwar il-protezzjoni legali tal-bażijiet tad-dejta, ma jistax jiġi invokat minn korp tas-settur pubbliku li jkun id-detentur tad-dritt bħala raġuni biex jipprojbixxi l-użu mill-ġdid tal-kontenut tal-bażi tad-dejta.

Il-Kapitolu II (l-Artikolu 4) hu emendat biex jispeċifika li r-rekwiżiti proċedurali ma għandhomx japplikaw għall-impriżi pubbliċi jew fir-rigward tad-dejta tar-riċerka biex jonqos kemm jista' jkun l-impatt amministrattiv għall-korpi jew l-organizzazzjonijiet rilevanti.

Il-Kapitolu III fih sensiela ta' adattamenti għall-kundizzjonijiet u l-mod li bih id-dejta ssir disponibbli għall-użu mill-ġdid. L-Artikolu 5 jikkunsidra l-importanza dejjem akbar ta' dejta dinamika ("f'ħin reali") u jinkludi r-rekwiżit għall-korpi tas-settur pubbliku biex din id-dejta jagħmluha disponibbli permezz ta' API. L-Artikolu 6 hu emendat biex jispeċifika li d-dokumenti jistgħu jingħataw ukoll mingħajr ħlas. L-għoti bla ħlas tad-dokumenti għandu japplika b'mod partikolari għad-dejta tar-riċerka u għas-settijiet tad-dejta ta' valur għoli definiti b'konformità ma' att delegat skont l-Artikolu 13. Il-proposta tirrikonoxxi li l-ispejjeż għall-anonimizzazzjoni tad-dokumenti li fihom dejta personali jistgħu jiġu inklużi fil-kalkolu tal-ispiża. L-Artikolu 10 jispeċifika li l-Istati Membri għandhom jappoġġaw id-disponibbiltà tad-dejta tar-riċerka billi jadottaw politiki nazzjonali u azzjonijiet rilevanti bil-għan li kull dejta tar-riċerka ffinanzjata mill-pubbliku tkun disponibbli b'mod miftuħ ("politiki tal-aċċess miftuħ"). Dan jipprevedi wkoll li d-dejta diġà disponibbli f'repożitorji tad-dejta tar-riċerka b'"aċċess miftuħ" għandha tkun tista' tintuża mill-ġdid għal finijiet kummerċjali u mhux kummerċjali skont id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva.

Il-Kapitolu IV (l-Artikolu 12) hu emendat biex jispeċifika li projbizzjoni tal-arranġamenti esklussivi għandha testendi wkoll għal arranġamenti li ma jagħtux espressament dritt esklussiv għall-użu mill-ġdid tad-dokumenti, iżda li jistgħu jwasslu għal sitwazzjoni fejn l-aċċess ikun limitat għal utent li juża mill-ġdid wieħed jew ftit.

Ġie miżjud Kapitolu V ġdid biex jiddefinixxi kategorija speċifika ta' settijiet tad-dejta ta' valur għoli. Il-kategorija ta' settijiet tad-dejta ta' valur għoli hi subsett ta' dokumenti li għalihom tapplika d-Direttiva skont l-Artikolu 1 tagħha u l-użu mill-ġdid tagħhom hu assoċjat ma' benefiċċji soċjoekonomiċi importanti. Il-lista ta' dawn is-settijiet tad-dejta ta' valur għoli għandha tiġi stabbilita f'att delegat skont l-Artikolu 290 tat-TFUE. Dan l-att delegat għandu jispeċifika wkoll il-modalitajiet tal-pubblikazzjoni u l-użu mill-ġdid tagħhom. Fil-prinċipju, l-użu mill-ġdid ta' dawn is-settijiet tad-dejta ta' valur għoli jenħtieġ ikun bla ħlas, u għall-kontenut dinamiku għandhom jintużaw l-APIs bħala mezz tad-disseminazzjoni.

🡻 2003/98/KE (adattat)

2018/0111 (COD)

Proposta għal

DIRETTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

dwar l-użu mill-ġdid tal-informazzjoni tas-settur pubbliku (riformulazzjoni)

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li ~~kkunsidra t-Tratta li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea~~ ⌦ kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewopea ⌫ , u b'mod partikolari l-Artikolu ~~95~~ ⌦ 114 ⌫ tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li l-abbozz tal-att leġiżlattiv intbagħat lill-parlamenti nazzjonali,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew[26],

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni[27],

Filwaqt li jaġixxu skont il-proċedura leġiżlattiva ordinarja,

Billi:

⇩ ġdid

(1) Id-Direttiva 2003/98/KE tal-Parlament u tal-Kunsill[28] ġiet emendata b'mod sostanzjali. Peress li jridu jsiru aktar emendi, minħabba ċ-ċarezza jenħtieġ li ssir riformulazzjoni ta' dik id-Direttiva.

(2) B'konformità mal-Artikolu 13 tad-Direttiva 2003/98/KE u ħames snin wara l-adozzjoni tad-Direttiva 2013/37/UE emendatorja, wara li kkonsultat lill-partijiet ikkonċernati rilevanti, il-Kummissjoni wettqet evalwazzjoni u rieżami tal-funzjonament tad-Direttiva fil-qafas ta' Programm dwar l-Idoneità u l-Prestazzjoni tar-Regolamentazzjoni (REFIT)[29].

(3) Wara l-konsultazzjoni mal-partijiet ikkonċernati u fid-dawl tar-riżultati tal-Valutazzjoni tal-Impatt[30], il-Kummissjoni qieset li azzjoni fil-livell tal-Unjoni kienet meħtieġa biex jiġu indirizzati l-ostakli emerġenti u li fadal b'rabta mal-użu wiesa' tal-informazzjoni tas-settur pubbliku u l-informazzjoni ffinanzjata mill-pubbliku fl-Unjoni, u biex il-qafas leġiżlattiv taġġornah mal-avvanzi fit-teknoloġiji diġitali, bħall-Intelliġenza Artifiċjali u l-Internet tal-Oġġetti (IoT).

[26] ĠU C […], […], p. […].
[27] ĠU C […], […], p. […].
[28] Id-Direttiva 2003/98/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Novembru 2003 dwar l-użu mill-ġdid ta' informazzjoni tas-settur pubbliku (ĠU L 345, 31.12.2003, p. 90).
[29] SWD(2018) 145.
[30] SWD(2018) 127.

(4) Il-bidliet sostantivi li ddaħħlu fit-test ġuridiku biex jiġi sfruttat għalkollox il-potenzjal tal-informazzjoni tas-settur pubbliku għall-ekonomija u s-soċjetà Ewropej, jiffokaw fuq dawn l-oqsma li ġejjin: l-għoti ta' aċċess f'ħin reali għal dejta dinamika b'mezzi tekniċi xierqa, aktar forniment ta' dejta pubblika ta' valur għoli għall-użu mill-ġdid, inkluż mill-impriżi pubbliċi, l-organizzazzjonijiet li jwettqu r-riċerka u l-organizzazzjonijiet li jiffinanzjaw ir-riċerka, l-indirizzar ta' kull bidu ta' forma ġdida ta' arranġamenti esklussivi, l-użu tal-eżenzjonijiet għall-prinċipju tat-tariffar tal-ispiża marġinali u r-relazzjoni bejn din id-Direttiva u ċerti strumenti legali relatati, inkluż id-Direttiva 96/9/KE[31] u d-Direttiva 2007/2/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[32].

🡻 2003/98/KE premessa 1 (adattat)

(5) It-Trattat ~~jipprovdi għall-~~ jipprevedi l-istabbiliment ta' suq intern u ta' sistema li tassigura li ma jkunx hemm tgħawwiġ tal-kompetizzjoni fis-suq intern. L-armonizzazzjoni tar-regoli u l-prattiki fl-Istati Membri b'rabta mal-isfruttar tal-informazzjoni tas-settur pubbliku tikkontribwixxi biex jintlaħqu dawn l-għanijiet.

🡻 2013/37/UE premessa 1 (adattat)
⇨ ġdid

(6) ⇨ Is-settur pubbliku fl-Istati Membri jiġbor, jiġġenera, jirriġenera u jxerred firxa wiesgħa ta' informazzjoni f'diversi oqsma ta' attività, fosthom informazzjoni soċjali, ekonomika, ġeografika, dwar it-temp, turistika, kummerċjali, dwar il-privattivi u edukattiva. ⇦ Id-dokumenti ġġenerati mill-korpi tas-settur pubbliku ~~tal-Istati Membri~~ ⌦ ta' natura eżekuttiva, leġiżlattiva jew ġudizzjarja ⌫ jikkostitwixxu ġabra vasta, diversa u prezzjuża ta' riżorsi li minnhom tista' tibbenefika l-ekonomija tal-għarfien.

🡻 2013/37/UE premessi 2 u 5 (adattat)

(7) Id-Direttiva 2003/98/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Novembru 2003 dwar l-użu mill-ġdid ta' informazzjoni tas-settur pubbliku ~~tistabbilixxi~~ ⌦ stabbiliet ⌫ sett minimu ta' regoli li jirregolaw l-użu mill-ġdid u l-mezzi prattiċi biex jiġi ffaċilitat l-użu mill-ġdid ta' dokumenti eżistenti miżmuma mill-korpi tas-settur pubbliku tal-Istati Membri ⌦ , inkluż il-korpi eżekuttivi, leġiżlattivi jew ġudizzjarji ⌫ . Minn ⌦ mindu ġie adottat ⌫ l-ewwel sett ta' regoli dwar l-użu mill-ġdid tal-informazzjoni tas-settur pubbliku ~~ġie adottat fl-2003~~, l-ammont ta' dejta fid-dinja, inkluż id-dejta pubblika, żdied b'mod esponenzjali u qed jiġu ġġenerati u jinġabru tipi ġodda ta' dejta. B'mod parallel, qed nixhdu evoluzzjoni kontinwa fit-teknoloġiji għall-analiżi, l-isfruttar u l-ipproċessar tad-dejta. Din l-evoluzzjoni teknoloġika mgħaġġla tippermetti l-ħolqien ta' servizzi u applikazzjonijiet ġodda, mibnija fuq l-użu, l-aggregazzjoni u l-kombinazzjoni tad-dejta. Ir-regoli ⌦ li

---

[31] Id-Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill 96/9/KE tal-11 ta' Marzu 1996, dwar il-protezzjoni legali ta' databases (ĠU L 77, 27.3.1996, p. 20).

[32] Id-Direttiva 2007/2/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Marzu 2007 li tistabbilixxi Infrastruttura għall-Informazzjoni Ġeografika fil-Komunità Ewropea (Inspire) (ĠU L 108, 25.4.2007, p. 1).

oriġinarjament ⌫ ġew adotatti fl-2003 ⌦ u mbagħad emendati fl-2013 ⌫ ma għadhomx jimxu paripassu ma' dawn il-bidliet mgħaġġla u minħabba f'hekk jeżisti r-riskju li jintilfu l-opportunitajiet ekonomiċi u soċjali li joffri l-użu mill-ġdid tad-dejta pubblika.

↓ 2003/98/KE premessa 2 (adattat)

(8) L-evoluzzjoni lejn soċjetà ~~ta' informazzjoni u għarf~~ ⌦ bbażata fuq id-dejta ⌫ tinfluwenza l-ħajja ta' kull ċittadin fl-Unjoni, ⌦ fost l-oħrajn għax ⌫ ~~*fost ħwejjeġ oħra, billi*~~ tippermettilhom jiksbu mezzi ġodda għall-aċċess u l-kisba tal-għarfien.

↓ 2003/98/KE premessa 3 (adattat)

(9) Il-kontenut diġitali għandu rwol importanti f'din l-evoluzzjoni. Il-produzzjoni tal-kontenut tat lok għall-ħolqien mgħaġġel ta' impiegi fis-snin riċenti u tkompli tagħmel dan. Ħafna mill-impjiegi jinħolqu ⌦ min-negozji ġodda u l-SMEs innovattivi ⌫ ~~f'kumpaniji żgħar emerġenti~~.

↓ 2003/98/KE premessa 4

~~Is-settur pubbliku jiġbor, jipproduċi, jipproduċi mill-ġdid u jxerred firxa wiesa' ta' informazzjoni f'ħafna żoni ta' attività, bħal informazzjoni soċjali, ekonomika, ġeografika, dwar it-temp, turistika, kummerċjali, dwar patenti u edukattiva.~~

↓ 2003/98/KE premessa 5 (adattat)

(10) Wieħed mill-għanijiet ewlenin tal-istabbiliment ta' suq intern hu l-ħolqien ta' kundizzjonijiet li jwasslu għall-iżvilupp ta' servizzi ~~mal-Komunità kollha~~ ⌦ mal-Unjoni kollha ⌫ . L-informazzjoni tas-settur pubbliku hi materjal primarju importanti għall-prodotti u s-servizzi b'kontenut diġitali u se ssir riżors ta' kontenut ferm aktar importanti meta jinħolqu servizzi tal-kontenut mingħajr fili. Anki l-kopertura ġeografika transfruntiera wiesgħa se tkun essenzjali f'dan il-kuntest. Possibbiltajiet ~~aktar~~ wiesgħa għall-użu mill-ġdid tal-informazzjoni tas-settur pubbliku, jenħtieġ li, fost l-oħrajn, ikunu jippermettu li l-kumpaniji Ewropew jisfruttaw il-potenzjal tagħha u jikkontribwixxu għat-tkabbir ekonomiku u l-ħolqien tal-impiegi.

↓ 2013/37/UE premessa 4

(11) L-awtorizzazzjoni tal-użu mill-ġdid tad-dokumenti miżmuma minn korp tas-settur pubbliku żżid il-valur għall-utenti li jużaw mill-ġdid l-informazzjoni, għall-utenti finali u għas-soċjetà b'mod ġenerali, u ħafna drabi, għall-korp pubbliku nnifisu, billi tippromwovi t-trasparenza u l-kontabbiltà, u r-rispons tal-utenti li jużaw mill-ġdid u tal-utenti aħħarija jippermetti lill-korp tas-settur pubbliku kkonċernat li jtejjeb il-kwalità tal-informazzjoni miġbura.

🡻 2003/98/KE premessa 6 (adattat)

(12) Hemm differenzi konsiderevoli fir-regoli u l-prattiki tal-Istati Membri b'rabta mal-isfruttar tar-riżorsi tal-informazzjoni tas-settur pubbliku, li joħolqu ostakli għal kisba sħiħa tal-potenzjal ekonomiku ta' dan ir-riżors ta' dokument ewlieni. ~~Il-prattika tradizzjonali~~ I~~i~~l-prattika tal-korpi tas-settur pubbliku fl-isfruttar tal-informazzjoni tas-settur pubbliku ⌦ għadha tvarja fost l-Istati Membri ⌫ ~~żviluppat f'ħafna modi diversi~~. Dak il-fatt jenħtieġ jiġi kkunsidrat. L-armonizzazzjoni minima tar-regoli u l-prattiki nazzjonali dwar l-użu mill-ġdid ta' dokumenti tas-settur pubbliku għalhekk jenħtieġ issir, fil-każijiet meta d-differenzi fir-regolamenti u l-prattiki nazzjonali jew in-nuqqas ta' ċarezza jxekklu l-funzjonament mingħajr xkiel tas-suq intern u l-iżvilupp xieraq tas-soċjetà tal-informazzjoni fl-Unjoni.

🡻 2013/37/UE premessa 3 (adattat)

(13) Il-politiki tad-dejta miftuħa li jinkoraġġixxu d-disponibbiltà wiesgħa u l-użu mill-ġdid mifrux tal-informazzjoni tas-settur pubbliku għal finijiet privati jew kummerċjali, bl-ebda restrizzjoni legali, teknika jew finanzjarja, u li jippromwovu ċ-ċirkolazzjoni tal-informazzjoni mhux biss għall-operaturi ekonomiċi iżda anke għall-pubbliku, jistgħu jaqdu rwol importanti li jixprunaw l-iżvilupp ta' servizzi ġodda msejsa fuq mezzi ġodda biex tiġi kkombinata u użata l-informazzjoni msemmija, jiġi stimulat it-tkabbir ekonomiku u jiġi promoss l-impenn soċjali. ~~Madankollu, dan ikun jirrikjedi kundizzjonijiet indaqs fuq il-livell tal-Unjoni fir-rigward tad-deċiżjoni dwar l-awtorizzazzjoni tal-użu mill-ġdid ta' dokumenti, u dawn il-kundizzjonijiet indaqs ma jistgħux jinkisbu billi jitħallew soġġetti għar-regoli u l-prattiki differenti tal-Istati Membri, jew tal-entitajiet tas-settur pubbliku kkonċernati.~~

🡻 2003/98/KE premessa 7

(14) Barra minn hekk, mingħajr l-armonizzazzjoni minima fil-livell tal-Unjoni, l-attivitajiet leġiżlattivi fil-livell nazzjonali, li diġà nbdew f'għadd ta' Stati Membri biex iwieġbu għall-isfidi teknoloġiċi, jistgħu jwasslu għal aktar differenzi sinifikattivi. L-impatt ta' dawk id-differenzi leġiżlattivi u l-inċertezzi jsiru aktar sinifikanti bi żvilupp aktar fis-soċjetà tal-informazzjoni, li diġà żiedet ħafna l-isfruttar transfruntier tal-informazzjoni.

🡻 2013/37/UE premessa 6 (adattat)
⇨ ġdid

(15) ~~Fl-istess nifs, l-~~ L-Istati Membri stabbilew ~~issa~~ politiki dwar l-użu mill-ġdid skont id-Direttiva 2003/98/KE, u wħud mill-Istati Membri ilhom jadottaw approċċi ambizzjużi tad-dejta miftuħa, bil-għan li jiġi ffaċilitat l-użu mill-ġdid tad-dejta pubblika aċċessibbli għaċ-ċittadini u għall-kumpanniji, lil hinn mil-livell minimu stabbilit f'dik id-Direttiva. Biex ikun evitat li regoli differenti fi Stat Membri differenti jkunu ta' xkiel għall-offerta transfruntiera tal-prodotti u tas-servizzi, u biex settijiet tad-dejta komparabbli jkunu jistgħu jintużaw mill-ġdid għal applikazzjonijiet pan-Ewropej imsejsa fuqhom, hemm bżonn issir armonizzazzjoni minima biex jiġi ddeterminat

x'dejta pubblika tkun disponibbli għall-użu mill-ġdid fis-suq intern tal-informazzjoni, b'mod konsistenti mar-reġim rilevanti tal-aċċess. ⇨ Id-dispożizzjonijiet tal-liġi tal-Unjoni u tal-liġi nazzjonali li jmorru lil hinn minn dawn ir-rekwiżiti minimi, l-aktar fil-każijiet tal-leġiżlazzjoni settorjali, jenħtieġ jibqgħu japplikaw. L-eżempji ta' dispożizzjonijiet li jaqbżu l-livell minimu ta' armonizzazzjoni ta' din id-Direttiva jinkludu limiti tat-tariffi permissibbli tal-użu mill-ġdid li jkunu inqas mil-limiti previsti fl-Artikolu 6 jew termini tal-liċenzjar inqas restrittivi minn dawk imsemmija fl-Artikolu 8. B'mod partikolari, din id-Direttiva jenħtieġ tkun mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet li jaqbżu l-livell minimu ta' armonizzazzjoni ta' din id-Direttiva kif stabbilit f'Regolamenti Delegati tal-Kummissjoni adottati skont id-Direttiva 2010/40/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-qafas għall-varar ta' Sistemi ta' Trasport Intelliġenti fil-qasam tat-trasport bit-triq u għall-interkonnessjonijiet ma' modi oħrajn ta' trasport. ⇦

🡻 2003/98/KE premessa 8

(16) Qafas ġenerali għall-kundizzjonijiet li jirregolaw l-użu mill-ġdid ta' dokumenti tas-settur pubbliku hu meħtieġ biex jiżgura kundizzjonijiet ġusti, proporzjonati u mhux diskriminatorji għall-użu mill-ġdid ta' dik l-informazzjoni. Il-korpi tas-settur pubbliku jiġbru, jiġġeneraw, jirriġeneraw u jxerrdu dokumenti biex iwettqu l-kompiti pubbliċi tagħhom. L-użu ta' dawk id-dokumenti għal raġunijiet oħra jikkostitwixxi użu mill-ġdid. Il-politika tal-Istati Membri tista' tmur lil hinn mill-istandards minimi stabbiliti b'din id-Direttiva, u b'hekk tippermetti użu mill-ġdid aktar estensiv.

🡻 2013/37/UE premessa 10 (adattat)

(17) ⌦ Din id- ⌫ Direttiva ~~2003/98/KE~~ jenħtieġ tapplika għad-dokumenti li l-forniment tagħhom hu parti mill-kompiti pubbliċi tal-korpi tas-settur pubbliku kkonċernati, kif definit mil-liġi jew minn regoli vinkolanti oħra tal-Istati Membri. Fin-nuqqas ta' dawn ir-regoli, il-kompiti pubbliċi jenħtieġ jiġu ddefiniti skont il-prattika amministrattiva komuni tal-Istat Membru, sakemm l-ambitu tal-kompiti pubbliċi jkun trasparenti u soġġett għal rieżami. Il-kompiti pubbliċi jistgħu jiġu ddefiniti b'mod ġenerali jew abbażi ta' każ b'każ lil korpi individwali tas-settur pubbliku.

🡻 2003/98/KE premessa 9 (adattat)
⇨ ġdid

(18) ~~Din id-Direttiva ma fihiex l-obbligu li jiġi permess l-użu mill-ġdid ta' dakoumenti. Id-deċiżjoni dwar jekk l-użu mill-ġdid jiġix awtorizzat jew le tibqa' tal-Istati Membri jew tal-korp tas-settur pubbliku konċernat.~~ Din id-Direttiva jenħtieġ tapplika għad-dokumenti li jsiru aċċessibbli għall-użu mill-ġdid meta l-korpi tas-settur pubbliku jilliċenzjaw, ibigħu, ixerrdu, jiskambjaw jew jagħtu l-informazzjoni. Biex ikunu evitati sussidji inkroċjati, l-użu mill-ġdid jenħtieġ jinkludi aktar użu ta' dokumenti fi ħdan l-organizzazzjoni nnifisha għall-attivitajiet li mhumiex fl-ambitu tal-kompiti pubbliċi tagħha. L-attivitajiet li mhumiex fl-ambitu ta' kompitu pubbliku tipikament se jkunu jinkludu l-forniment ta' dokumenti li jiġu ġġenerati jew tariffati esklussivament fuq bażi kummerċjali u f'kompetizzjoni ma' oħrajn fis-suq. ~~It-tifsira ta' "dokument" mhix maħsuba li tkopri programmi tal-kompjuter.~~

(19) ⇨ Id-Direttiva tistabbilixxi obbligu għall-Istati Membri biex joffru d-dokumenti kollha għall-użu mill-ġdid, sakemm l-aċċess ma jkunx ristrett jew eskluż skont ir-regoli nazzjonali dwar l-aċċess għad-dokumenti u soġġett għall-eċċezzjonijiet l-oħra stipulati f'din id-Direttiva. ⇦ Din id-Direttiva tibni fuq ir-reġimi eżistenti tal-aċċess fl-Istati Membri u ma tibdilx ir-regoli nazzjonali dwar l-aċċess għal dokumenti. Din ma tapplikax fil-każijiet meta ċ-ċittadini jew il-kumpaniji, bir-reġim rilevanti tal-aċċess, ikunu jistgħu jiksbu dokumenti biss diment li jagħtu prova ta' interess partikolari. Fil-livell ~~tal-Komunità~~ ⌦ tal-Unjoni ⌫ , l-Artikoli 41 (id-dritt għal amministrazzjoni tajba) u 42 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea jirrikonoxxu d-dritt ta' kull ċittadin tal-Unjoni u ta' kull persuna fiżika jew ġuridika li tirrisjedi jew li jkollha l-uffiċċju reġistrat tagħha fi Stat Membru li jkollha aċċess għad-dokumenti tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni. Il-korpi tas-settur pubbliku jenħtieġ jitħeġġu jagħmlu disponibbli kull dokument miżmum minnhom għall-użu mill-ġdid. Il-korpi tas-settur pubbliku jenħtieġ jippromwovu u jħeġġu l-użu mill-ġdid ta' dokumenti, inkluż testi uffiċjali ta' natura leġislattiva u amministrattiva li l-korp tas-settur pubbliku jkollu dritt jawtorizza l-użu mill-ġdid tagħhom.

⇩ ġdid

(20) Ħafna drabi l-Istati Membri jafdaw il-forniment tas-servizzi ta' interess ġenerali f'idejn entitajiet barra mis-settur pubbliku, filwaqt li jżommu livell għoli ta' kontroll fuq dawn l-entitajiet. Fl-istess ħin, id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 2003/98/KE japplikaw biss għad-dokumenti miżmuma mill-korpi tas-settur pubbliku, u jeskludu lill-impriżi pubbliċi mill-kamp ta' applikazzjoni tagħha. Dan iwassal għal disponibbiltà fqira għall-użu mill-ġdid ta' dokumenti ġġenerati waqt it-twettiq tas-servizzi ta' interess ġenerali f'għadd ta' oqsma, b'mod partikolari s-setturi tal-utilità. Minbarra dan, jonqos bil-kbir il-potenzjal għall-ħolqien ta' servizzi transfruntieri bbażati fuq id-dokumenti miżmuma mill-impriżi pubbliċi li jipprovdu servizzi ta' interess ġenerali.

(21) Għaldaqstant, id-Direttiva 2003/98/KE jenħtieġ tiġi emendata biex ikun żgurat li d-dispożizzjonijiet tagħha jkunu jistgħu jiġu applikati għall-użu mill-ġdid tad-dokumenti ġġenerati waqt it-twettiq tas-servizzi ta' interess ġenerali mill-impriżi pubbliċi li jagħmlu waħda mill-attivitajiet imsemmija fl-Artikoli 8 sa 14 tad-Direttiva 2014/25/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[33], kif ukoll mill-impriżi pubbliċi li jaġixxu bħala operaturi tas-servizz pubbliku skont l-Artikolu 2 tar-Regolament (KE) Nru 1370/2007 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar servizzi pubbliċi tat-trasport tal-passiġġieri bil-ferrovija u bit-triq, l-impriżi pubbliċi li jaġixxu bħala trasportaturi bl-ajru li jissodisfaw l-obbligi tas-servizz pubbliku skont l-Artikolu 16 tar-Regolament (KE) Nru 1008/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar regoli komuni għall-operat ta' servizzi tal-ajru fil-Komunità, u l-impriżi pubbliċi li jaġixxu bħala sidien tal-bastimenti tal-Unjoni li jissodisfaw l-obbligi tas-servizz pubbliku skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3577/92 tas-7 ta' Diċembru 1992 li japplika l-prinċipju ta' libertà li jiġu pprovduti servizzi għat-trasport marittimu fi ħdan l-Istati Membri (kabotaġġ marittimu).

---

[33] Id-Direttiva 2014/25/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Frar 2014 dwar l-akkwist minn entitajiet li joperaw fis-setturi tas-servizzi tal-ilma, l-enerġija, it-trasport u postali u li tħassar id-Direttiva 2004/17/KE (ĠU L 94, 28.3.2014, p. 243).

(22) Jenħtieġ li din id-Direttiva ma jkunx fiha obbligu li jitħalla l-użu mill-ġdid tad-dokumenti ġġenerati mill-impriżi pubbliċi. Id-deċiżjoni dwar jekk jiġix awtorizzat l-użu mill-ġdid jenħtieġ tibqa' f'idejn l-impriża pubblika kkonċernata. Huwa biss wara li l-impriża pubblika tkun għażlet li tagħmel dokument disponibbli għall-użu mill-ġdid li din għandha tosserva l-obbligi rilevanti stabbiliti fil-Kapitoli III u IV ta' din id-Direttiva, b'mod partikolari fejn jidħlu l-formati, it-tariffar, it-trasparenza, il-liċenzji, in-nondiskriminazzjoni u l-projbizzjoni ta' arranġamenti esklussivi. Min-naħa l-oħra, l-impriża pubblika mhix meħtieġa tikkonforma mar-rekwiżiti stabbiliti fil-Kapitolu II, bħalma huma r-regoli applikabbli għall-ipproċessar tat-talbiet.

(23) Il-volum tad-dejta tar-riċerka ġġenerata qed jikber b'mod esponenzjali u għandu l-potenzjal għal użu mill-ġdid barra mill-komunità xjentifika. Biex l-isfidi dejjem akbar tas-soċjetà jkunu jistgħu jiġu indirizzati b'mod effiċjenti u b'mod ħolistiku, sar kruċjali u urġenti li d-dejta minn sorsi differenti, kif ukoll minn fost setturi u dixxiplini differenti, tkun tista' tiġi aċċessata, mħallta u użata mill-ġdid. Id-dejta tar-riċerka tinkludi l-istatistika, ir-riżultati tal-esperimenti, il-kejl, l-osservazzjonijiet ta' riċerki fuq il-post, ir-riżultati ta' stħarriġiet, irrekordjar ta' intervisti u stampi. Din tinkludi wkoll il-metadejta, l-ispeċifikazzjonijiet u oġġetti diġitali oħra. Id-dejta tar-riċerka hi differenti mill-artikli xjentifiċi li jirrappurtaw u jikkummentaw fuq is-sejbiet tar-riċerka xjentifika tagħhom. Għal bosta snin, id-disponibbiltà miftuħa u l-użu mill-ġdid tar-riżultati tar-riċerka xjentifika li joħorġu minn finanzjament pubbliku kienu soġġetti għal inizjattivi speċifiċi ta' politika. Il-politiki tal-aċċess miftuħ għandhom l-għan b'mod partikolari li jipprovdu lir-riċerkaturi u lill-pubbliku ġenerali b'aċċess għad-dejta tar-riċerka minn kmieni kemm jista' jkun fil-proċess tad-disseminazzjoni u li din tkun tista' tintuża u terġa' tintuża. L-aċċess miftuħ jgħin biex titjieb il-kwalità, jonqos il-bżonn ta' xogħol doppju tar-riċerka, iħaffef il-progress xjentifiku, jitħabat kontra l-frodi xjentifika, u jista' b'mod ġenerali jiffavorixxi t-tkabbir ekonomiku u l-innovazzjoni. Minbarra l-aċċess miftuħ, l-ippjanar tal-ġestjoni tad-dejta fi żmien qasir qed isir prassi xjentifika standard li tiżgura li d-dejta tkun traċċabbli, aċċessibbli, interoperabbli u tista' tintuża mill-ġdid (il-prinċipji FAIR).

(24) Għar-raġunijiet spjegati hawn fuq, jixraq jiġi stabbilit obbligu għall-Istati Membri biex jadottaw politiki tal-aċċess miftuħ b'rabta mar-riżultati tar-riċerka ffinanzjata mill-pubbliku u biex jiżguraw li dawn il-politiki jiġu implimentati minn kull organizzazzjoni li twettaq ir-riċerka u minn kull organizzazzjoni li tiffinanzja r-riċerka. Tipikament il-politiki tal-aċċess miftuħ ikunu jippermettu firxa ta' eċċezzjonijiet biex ir-riżultati tar-riċerka xjentifika ma tkunx disponibbli b'mod miftuħ. Fis-17 ta' Lulju 2012, il-Kummissjoni adottat Rakkomandazzjoni dwar l-aċċess għall-informazzjoni xjentifika u l-preżervazzjoni tagħha, li ġiet aġġornata fil-25 ta' April 2018[34], u din tiddeskrivi, fost l-oħrajn, elementi rilevanti tal-politiki tal-aċċess miftuħ. Barra minn hekk, jenħtieġ jitjiebu l-kundizzjonijiet li skonthom ċerti riżultati tar-riċerka jkunu jistgħu jerġgħu jintużaw. Għal din ir-raġuni, jenħtieġ li ċerti obbligi li joħorġu minn din id-Direttiva jiġu estiżi għad-dejta xjentifika li tirriżulta mill-attivitajiet tar-riċerka xjentifika ssussidjati mill-fondi pubbliċi jew kofinanzjati minn entitajiet tas-settur pubbliku u privat. Iżda f'dan il-kuntest, jenħtieġ li jitqies kif xieraq it-tħassib b'rabta mal-privatezza, il-protezzjoni tad-dejta personali, is-sigrieti kummerċjali, is-sigurtà nazzjonali, interessi kummerċjali leġittimi u d-drittijiet tal-proprjetà intellettwali ta' partijiet terzi. Biex jiġi evitat kull piż amministrattiv, dawn l-obbligi jenħtieġ japplikaw biss għal din id-dejta tar-riċerka li diġà saret disponibbli

[34] C(2018)2375

għall-pubbliku mir-riċerkaturi. Tipi oħra ta' dokumenti miżmuma minn organizzazzjonijiet li jwettqu r-riċerka u minn organizzazzjonijiet li jiffinanzjaw ir-riċerka jenħtieġ jibqgħu jiġu eżentati mill-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-Direttiva.

🡣 2003/98/KE premessa 10 (adattat)

(25) Id-definizzjonijiet ta' "korp tas-settur pubbliku" u ta' "korp irregolat mil-liġi pubblika" jittieħdu mid-Direttivi tal-ksib pubbliku mid-Direttiva 2014/24/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[35] (92/50/KEE[36], 93/36KEE[37] u 93/37/KEE[38] u 98/4/KE[39]). Impriżi pubbliċi mhumiex koperti b'dawn it-tifsiriet.

🡣 2003/98/KE premessa 11 (adattat)

(26) Din id-Direttiva tistabbilixxi definizzjoni ġenerika tat-terminu "dokument", skont l-iżviluppi fis-soċjetà tal-informazzjoni. Din tkopri kull rappreżentazzjoni ta' atti, fatti jew informazzjoni – u kull kumpilazzjoni ta' dawk l-atti, il-fatti jew l-informazzjoni – bi kwalunkwe mezz (miktub fuq karta, jew maħżun b'format elettroniku jew irrekordjat b'mod awdjo, viżiv jew awdjoviżiv), miżmuma minn korpi tas-settur pubbliku. ⌦ Id-definizzjoni ta' "dokument" mhix maħsuba li tkopri l-programmi tal-kompjuter. ⌫ Dokument miżmum minn korp tas-settur pubbliku huwa dokument fejn il-korp tas-settur pubbliku jkollu d-dritt li jawtorizza l-użu mill-ġdid tiegħu.

🡣 2003/98/KE premessa 12 (adattat)
⇨ ġdid

(27) ⇨ Il-korpi tas-settur pubbliku qed kulma jmur jagħmlu d-dokumenti tagħhom disponibbli għall-użu mill-ġdid b'mod proattiv, billi jiżguraw skopribbiltà online u disponibbiltà effettiva tal-metadejta u anki tal-kontenut sottostanti. Jenħtieġ li d-dokumenti jkunu disponibbli għall-użu mill-ġdid meta dan jintalab minn utent li juża mill-ġdid. ⇦ ⌦ F'dawk il-każijiet, ⌫ iIl-limitu taż-żmien limit biex tingħata tweġiba għat-talbiet għall-użu mill-ġdid jenħtieġ ikun raġonevoli u skond ⌦ skont ⌫ iż-żmien ekwivalenti għat-talbiet biex jiġi aċċessat id-dokument skont ir-reġimi rilevanti tal-aċċess. ⇨Iżda jenħtieġ li l-impriżi pubbliċi, l-istituti edukattivi, l-organizzazzjonijiet li jwettqu r-riċerka u l-organizzazzjonijiet li jiffinanzjaw ir-riċerka jkunu eżentati minn dan ir-rekwiżit.⇦ B'limiti taż-żmien raġonevoli mal-Unjoni kollha jiġi stimulat il-ħolqien ta' prodotti u servizzi aggregati ġodda tal-informazzjoni fil-livell pan-Ewropew. Malli talba għall-użu mill-ġdid tkun ingħatat, il-korpi tas-settur pubbliku għandhom jagħmlu d-dokumenti disponibbli fil-limitu taż-żmien li jippermetti l-potenzjal sħiħ ekonomiku tagħhom li jiġi utilizzat. Dan hu partikolarment

---

35 Id-Direttiva 2014/24/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Frar 2014 dwar l-akkwist pubbliku u li tħassar id-Direttiva 2004/18/KE (ĠU L 94, 28.3.2014, p. 65).

36 ĠU L 209, 24.7.1992, p. 1. Direttiva kif l-aħħar emendata bid-Direttiva tal-Kummissjoni 2001/78/KE (ĠU L 285, 29.10.2001, p. 1).

37 ĠU L 199, 9.8.1993, p. 1. Direttiva kif l-aħħar emendata bid-Direttiva tal-Kummissjoni 2001/78/KE.

38 ĠU L 199, 9.8.1993, p. 54. Direttiva kif l-aħħar emendata bid-Direttiva tal-Kummissjoni 2001/78/KE.

39 ĠU L 101, 1.4.1998, p. 1.

importanti ~~għall-kontenut dinamiku~~ ⌦ għad-dejta dinamika ⌫ (⌦ inkluż ⌫ ~~pereżempju~~ it-traffiku tad-dejta ⌦ , id-dejta tas-satellita, id-dejta tat-temp ⌫), li l-valur ekonomiku tagħha jiddependi mid-disponibbiltà immedjata tal-informazzjoni u minn aġġornamenti regolari. ⇨ Għalhekk, id-dejta dinamika jenħtieġ tkun disponibbli minnufih wara l-ġbir, permezz ta' Interfaċċa ta' Programmazzjoni tal-Applikazzjonijiet (API) biex jiġi ffaċilitat l-iżvilupp ta' applikazzjonijiet tal-internet, mobbli, u tal-cloud ibbażati fuq din id-dejta. Meta dan ma jkunx possibbli minħabba restrizzjonijiet tekniċi jew finanzjarji, jenħtieġ li l-korpi tas-settur pubbliku jagħmlu d-dokumenti disponibbli fil-limitu taż-żmien li jippermetti l-isfruttar tal-potenzjal ekonomiku kollu tagħhom. ⇦ Jekk ikun hemm bżonn liċenzja, id-disponibbiltà fil-ħin tad-dokumenti tista' tkun parti mit-termini tal-liċenzja.

⇩ ġdid

(28) Biex jinkiseb aċċess għad-dejta miftuħa għall-użu mill-ġdid permezz ta' din id-Direttiva, hemm bżonn jintużaw Interfaċċi ta' Programmazzjoni tal-Applikazzjonijiet (APIs) adegwati u mfassla sew. API tiddeskrivi t-tip ta' dejta li tista' tiġi rkuprata, kif isir dan u l-format li bih tasal id-dejta. Din għandha livelli differenti ta' kumplessità u tista' tkun sempliċi link għal bażi tad-dejta biex jinġabru settijiet speċifiċi tad-dejta, interfaċċja tal-web, jew strutturi aktar kumplessi. Hemm valur ġenerali fl-użu mill-ġdid u fil-qsim tad-dejta permezz ta' użu xieraq tal-APIs għax dan se jgħin lill-iżviluppaturi u lin-negozji ġodda biex joħolqu servizzi u prodotti ġodda. Dan hu ingredjent importanti biex jinħolqu ekosistemi ta' valur madwar assi tad-dejta li ħafna drabi ftit li xejn jintużaw. It-twaqqif u l-użu tal-API jeħtieġ jissejsu fuq diversi prinċipji: l-istabbiltà, il-manutenzjoni tul iċ-ċiklu tal-ħajja, l-uniformità tal-użu u istandards, il-faċilità tal-użu, u s-sigurtà. Għad-dejta dinamika, jiġifieri d-dejta aġġornata b'mod frekwenti, ħafna drabi f'ħin reali, il-korpi tas-settur pubbliku u l-impriżi pubbliċi jenħtieġ jagħmlu dan disponibbli għall-użu mill-ġdid minnufih wara l-ġbir permezz ta' APIs adegwati.

🡻 2003/98/KE premessa 13 (adattat)
⇨ ġdid

(29) Il-possibbiltajiet għall-użu mill-ġdid jistgħu jitjiebu billi tiġi limitata l-ħtieġa ta' diġitalizzazzjoni tad-dokumenti stampati jew ta' pproċessar tal-fajls diġitali biex isiru reċiproċikament kompatibbli. Għalhekk, il-korpi tas-settur pubbliku jenħtieġ jagħmlu d-dokumenti disponibbli b'xi format jew lingwa eżistenti qabel, permezz ta' mezzi elettroniċi meta possibbli u xieraq. Il-korpi tas-settur pubbliku jenħtieġ iqisu b'mod favorevoli t-talbiet għal estratti minn dokumenti eżietenti meta t-tweġiba għal dik it-talba tkun tinvolvi biss operazzjoni sempliċi. Iżda jenħtieġ li l-korpi tas-settur pubbliku ma jkunux obbligati jipprovdu estratt minn dokument meta dan ikun jinvolvi sforz sproporzjonat. Biex jiġi ffaċilitat l-użu mill-ġdid, il-korpi tas-settur pubbliku jenħtieġ jagħmlu d-dokumenti tagħhom disponibbli b'format li, sa fejn ikun possibbli u xieraq, ma jkunx jiddependi mill-użu ta' xi softwer speċifiku. Meta possibbli u xieraq, il-korpi tas-settur pubbliku jenħtieġ iqisu l-possibbiltajiet tal-użu mill-ġdid tad-dokumenti minn ⌦ persuni b'diżabbiltà u għalihom ⌫ ~~u għal persuni b'diżabilitajiet~~ ⇨ billi jipprovdu l-informazzjoni b'formati aċċessibbli ⇦ .

🡻 2013/37/UE premessa 20
⇨ ġdid

(30) Meta possibbli u xieraq, biex jiġi ffaċilitat l-użu mill-ġdid, il-korpi tas-settur pubbliku jenħtieġ jagħmlu d-dokumenti ⇨ , inkluż dawk ippubblikati fuq is-siti web, ⇦ disponibbli b'formati miftuħa u li jinqraw mill-magni, flimkien mal-metadejta tagħhom, bl-aqwa livell ta' preċiżjoni u granularità, b'format li jiżgura l-interoperabbiltà, eżempju billi jipproċessawhom b'mod konsistenti mal-prinċipji li jirregolaw ir-rekwiżiti tal-kompatibbiltà u l-utilizzabbiltà tal-informazzjoni spazjali skont id-Direttiva 2007/2/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[40] ~~tal-14 ta' Marzu 2007 li tistabbilixxi Infrastruttura għall-Informazzjoni Ġeografika fil-Komunità Ewropea (INSPIRE)~~.

⇩ ġdid

(31) Dokument jenħtieġ jitqies li għandu format li jinqara mill-magni jekk dan ikollu format ta' fajl strutturat b'tali mod li l-applikazzjonijiet ta' softwer jistgħu faċilment jidentifikaw, jirrikonoxxu u jieħdu dejta speċifika minnu. Id-dejta kkodifikata f'fajls strutturati b'format li jinqara mill-magni jenħtieġ titqies bħala dejta li tista' tinqara mill-magni. Il-formati li jinqraw mill-magni jistgħu jkunu miftuħa jew proprjetarji; jistgħu jkunu formali standard jew le. Jenħtieġ li d-dokumenti kkodifikati f'format ta' fajl li jillimita l-ipproċessar awtomatiku, għax id-dejta ma tkunx tista' tittieħed jew ma tkunx tista' tittieħed faċilment minn dawn id-dokumenti, ma jitqisux li għandhom format li jinqara mill-magni. L-Istati Membri, fejn xieraq, jenħtieġ iħeġġu l-użu ta' formati miftuħa li jinqraw mill-magni.

🡻 2013/37/UE premessa 22 (adattat)
⇨ ġdid

(32) ⇨ It-tariffi għall-użu mill-ġdid tad-dokumenti jikkostitwixxu ostaklu għan-negozji ġodda u għall-SME biex jidħlu fi swieq importanti. Għalhekk jenħtieġ li d-dokumenti jkunu disponibbli għall-użu mill-ġdid mingħajr tariffi u, ⇦ mMeta t-tariffi ⇨ huma meħtieġa ⇦ ~~mill-entitajiet tas-settur pubbliku għall-użu mill-ġdid ta' dokumenti~~, ~~dawk it-tariffi~~ ⌦ dawn ⌫ jenħtieġ jiġu limitati, fil-prinċipju, għall-ispejjeż marġinali. ⇨ F'każijiet eċċezzjonali ⇦ ~~Madankollu~~, jenħtieġ titqies il-ħtieġa li ma jixxekkilx il-funzjonament normali tal-korpi tas-settur pubbliku li huma meħtieġa jiġġeneraw dħul biex ikopru parti sostanzjali tal-ispejjeż tagħhom relatati mal-qadi tal-kompiti pubbliċi tagħhom ~~jew tal-ispejjeż marbuta mal-ġbir, il-produzzjoni, ir-riproduzzjoni u t-tixrid ta' ċerti dokumenti li jitqiegħdu għad-dispożizzjoni għall-użu mill-ġdid~~ . ⇨ Anki r-rwol tal-impriżi pubbliċi f'ambjent ekonomiku kompetittiv jenħtieġ jiġi rikonoxxut. ⇦ F'dawn il-każijiet, il-korpi tas-settur pubbliku ⇨ u l-impriżi pubbliċi ⇦ ⌦ għalhekk ⌫ jenħtieġ ikunu jistgħu jitolbu tariffi għall-ispejjeż marġinali msemmija hawn fuq. Dawk it-tariffi jenħtieġ ikunu stabbiliti skont kriterji oġġettivi, trasparenti u verifikabbli, u d-dħul kollu mill-forniment u l-awtorizzazzjoni tal-użu

40 Id-Direttiva 2007/2/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Marzu 2007 li tistabbilixxi Infrastruttura għall-Informazzjoni Ġeografika fil-Komunità Ewropea (Inspire) (ĠU L 108, 25.4.2007, p. 1).

mill-ġdid tad-dokumenti jenħtieġx ma jaqbiżx l-ispiża tal-ġbir, il-ġenerazzjoni, ir-riġenerazzjoni u d-disseminazzjoni, flimkien ma' redditu raġonevoli fuq l-investiment. ⇨ Meta applikabbli, l-ispejjeż tal-anonimizzazzjoni tad-dejta personali jew tal-informazzjoni kummerċjalment sensittiva jenħtieġ jiżdiedu wkoll mal-ispejjeż eliġibbli. ⇦ Ir-rekwiżit li jiġi ġġenerat dħul li jkopri parti sostanzjali mill-ispejjeż tal-korpi tas-settur pubbliku marbuta mal-qadi tal-kompiti pubbliċi tagħhom jew ⇨ l-ambitu tas-servizzi ta' interess ġenerali fdati f'idejn l-impriżi pubbliċi ⇦ ~~tal-ispejjeż marbuta mal-ġbir, il-produzzjoni, ir-riproduzzjoni u t-tixrid ta' ċerti dokumenti,~~ ma għandux ikun rekwiżit legali u jista' joħroġ, pereżempju, minn prattiki amministrattivi fl-Istati Membri. Dan ir-rekwiżit jenħtieġ jiġi rieżaminat regolarment mill-Istati Membri.

🡣 2013/37/UE premessa 23 ⇨ ġdid

(33) Il-libreriji, il-mużewijiet u l-arkivji jenħtieġ ikunu jistgħu wkoll jimponu tariffi ogħla mill-ispejjeż marġinali biex ma jixxekkilx il-funzjonament normali tagħhom. Fil-każ ta' dawn il-korpi tas-settur pubbliku, id-dħul kollu mill-forniment u l-awtorizzazzjoni tal-użu mill-ġdid tad-dokumenti tul il-perjodu tal-kontabbiltà xieraq jenħtieġ ma jaqbiżx l-ispiża tal-ġbir, il-ġenerazzjoni, ir-riġenerazzjoni, id-disseminazzjoni, il-preżervazzjoni u l-ikklerjar tad-drittijiet, flimkien ma' redditu raġonevoli fuq l-investiment. ⇨ Meta applikabbli, l-ispejjeż tal-anonimizzazzjoni tad-dejta personali jew tal-informazzjoni kummerċjalment sensittiva jenħtieġ jiżdiedu wkoll mal-ispejjeż eliġibbli. ⇦ Għall-fini tal-libreriji, tal-mużewijiet u tal-arkivji, u filwaqt li jitqiesu l-partikolaritajiet tagħhom, il-prezzijiet mitluba mis-settur privat għall-użu mill-ġdid ta' dokumenti identiċi jew simili jistgħu jitqiesu meta jkun qed jiġi kkalkulat redditu raġonevoli fuq l-investiment.

🡣 2013/37/UE premessa 24

(34) Il-limiti ta' fuq tat-tariffi stabbiliti f'din id-Direttiva huma mingħajr preġudizzju għad-dritt tal-Istat Membru li japplikaw tariffi aktar baxxi jew li ma japplikaw l-ebda tariffa.

🡣 2013/37/UE premessa 25

(35) L-Istati Membri jenħtieġ jistabbilixxu l-kriterji tat-tariffar ogħla mill-ispejjeż marġinali. F'dan ir-rigward, l-Istati Membri, pereżempju, jistgħu jistabbilixxu dawn il-kriterji fir-regoli nazzjonali jew jistgħu jaħtru l-korp xieraq jew korpi xierqa, għajr il-korp tas-settur pubbliku nnifsu, li jkunu kompetenti biex jistabbilixxu dawn il-kriterji. Dak il-korp jenħtieġ ikun organizzat skont is-sistemi kostituzzjonali u ġuridiċi tal-Istati Membri. Dan jista' jkun korp eżistenti b'setgħat eżekuttivi baġitarji u taħt responsabbiltà politika.

🡣 2003/98/KE premessa 14 (adattat)

~~Fejn jiġi mitlub ħlas, d-dħul totali ma għandux jisboq in-nefqiet totali għall-ġbir, produzzjoni, produzzjoni mill-ġdid u tixrid ta' dokumenti, flimkien ma' dħul raġonevoli fuq l-investiment, wara li jingħata kont debitu tar-rekwiżiti li korp tas-settur pubbliku kkonċernat jiffinanzja lilu nnifsu, fejn japplika. Il-produzzjoni tinkludi l-ħolqien u l-kollazzjoni, u t-tixrid jista' jinkludi~~

~~wkoll is-sostenn tal-utent. L-irkupru tan-nefqiet kif ukoll dħul raġonevoli fuq l-investiment, konsistenti mal-prinċipji tal-kontabbiltà applikabbli u l-metodu relevanti tal-kalkolazzjoni tan-nefqa tal-korp ikkonċernat tas-settur pubbliku, jikkostitwixxu l-limitu ta' fuq tal-ħlasijiet, minħabba li kull prezzijiet eċċessivi għandhom ikunu preklużi. Il-limitu ta' fuq għall-ħlasijiet stipulat f'din id-Direttiva huwa mingħajr preġudizzju għad-dritt tal-Istati Membri jew il-korpi tas-settur pubbliku li japplikaw ħlasijiet aktar baxxi jew ebda ħlas affattu, u l-Istati Membri għandhom iħajru lill-korpi tas-settur pubbliku biex jagħmlu dokumenti disponibbli bi ħlasijiet li ma jeċċedux in-nefqiet marġinali għar-riproduzzjoni u t-tixrid tad-dokumenti.~~

🡻 2003/98/KE premessa 15 (adattat)
⇨ ġdid

(36) Li jkun żgurat li l-kundizzjonijiet għall-użu mill-ġdid tad-dokumenti tas-settur pubbliku jkunu ċari u disponibbli għall-pubbliku hi kundizzjoni minn qabel għall-iżvilupp ta' suq tal-informazzjoni ~~mal-Komunità kollha~~ ⌦ mal-Unjoni kollha ⌫ . Għalhekk il-kundizzjonijiet applikabbli kollha għall-użu mill-ġdid tad-dokumenti jenħtieġ ikunu ċari għall-utenti li jużaw mill-ġdid. L-Istati Membri jenħtieġ iħeġġu l-ħolqien ta' indiċijiet aċċessibbli online, meta xieraq, tad-dokumenti disponibbli biex jippromwovu u jiffaċilitaw it-talbiet għall-użu mill-ġdid. L-applikanti għall-użu mill-ġdid tad-dokumenti ⇨ miżmuma minn entitajiet li mhumiex impriżi pubbliċi, istituti edukattivi, organizzazzjonijiet li jwettqu r-riċerka u organizzazzjonijiet li jiffinanzjaw ir-riċerka ⇦ jenħtieġ jiġu infurmati bil-mezzi disponibbli ta' rimedju rigward id-deċiżjonijiet jew il-prattiki li jaffettwawhom. Dan hu importanti b'mod partikolari għall-SMEs li jaf ma jkunux midħla tal-interazzjonijiet mal-korpi tas-settur pubbliku minn Stati Membri oħra u l-mezzi korrispondenti ta' rimedju.

🡻 2013/37/UE premessa 28

(37) Il-mezzi ta' rimedju jenħtieġ jinkludu l-possibbiltà ta' rieżami minn korp imparzjali tar-rieżami. Dak il-korp jista' jkun awtorità nazzjonali diġà eżistenti, bħall-awtorità nazzjonali tal-kompetizzjoni, l-awtorità nazzjonali tal-aċċess għad-dokumenti jew awtorità ġudizzjarja nazzjonali. Dak il-korp jenħtieġ ikun organizzat skont is-sistemi kostituzzjonali u ġuridiċi tal-Istati Membri u jenħtieġ li ma jkunx jippreġudika xi mezz ta' rimedju li jkun disponibbli mod ieħor għall-applikanti għall-użu mill-ġdid. Iżda jenħtieġ li dan ikun indipendenti mill-mekkaniżmu tal-Istat Membru li jistabbilixxi l-kriterji tat-tariffar ogħla mill-ispejjeż marġinali. Il-mezzi ta' rimedju jenħtieġ jinkludu l-possibbiltà ta' rieżami tad-deċiżjonijiet negattivi u tad-deċiżjonijiet li, għalkemm jippermettu l-użu mill-ġdid, xorta jistgħu jaffettwaw lill-applikanti minħabba raġunijiet oħra, b'mod partikolari bir-regoli tat-tariffar applikati. Il-proċess tar-rieżami jenħtieġ isir malajr, skont il-ħtiġijiet ta' suq li qed jinbidel malajr.

🡻 2003/98/KE premessa 16

(38) Id-disponibbiltà pubblika ta' kull dokument ġeneralment disponibbli miżmum mis-settur pubbliku – li ma jikkonċernax biss il-proċess politiku iżda anki l-proċess ġuridiku u amministrattiv – hi strument fundamentali biex jiġi estiż id-dritt tal-għarfien, li hu prinċipju bażiku tad-demokrazija. Din il-mira hija applikabbli għall-istituzzjonijiet f'kull livell, sew lokali, nazzjonali jew internazzjonali.

↓ 2003/98/KE premessa 17

(39) F'xi każijiet, l-użu mill-ġdid tad-dokumenti se jsir mingħajr ma tiġi miftiehma liċenzja. F'xi każijiet oħrajn, tinħareġ liċenzja li timponi kundizzjonijiet fuq l-użu mill-ġdid mill-persuna liċenzjata li għandhom x'jaqsmu ma' kwistjonijiet bħar-responsabbiltà, l-użu xieraq tad-dokumenti, il-garanzija li ma jsirux alterazzjonijiet u r-rikonoxximent tas-sors. Jekk il-korpi tas-settur pubbliku jilliċenzjaw dokumenti għall-użu mill-ġdid, il-kundizzjonijiet tal-liċenzja jenħtieġ ikunu ġusti u trasparenti. Il-liċenzji standard disponibbli online jistgħu jaqdu wkoll rwol importanti f'dan ir-rigward. Għalhekk l-Istati Membri jenħtieġ jipprovdu għad-disponibbiltà ta' liċenzji standard.

↓ 2003/98/KE premessa 18

(40) Jekk l-awtorità kompetenti tiddeċiedi li ma tagħmilx ċerti dokumenti disponibbli aktar għall-użu mill-ġdid, jew tieqaf taġġornahom, din jenħtieġ tagħmel dawn id-deċiżjonijiet magħrufa pubblikament fl-ewwel opportunità, b'mezzi elettroniċi meta possibbli.

↓ 2003/98/KE premessa 19

(41) Il-kundizzjonijiet tal-użu mill-ġdid jenħtieġ ikunu nondiskriminatorji għal kategoriji paragunabbli tal-użu mill-ġdid. Jenħtieġ li, pereżempju, dan ma jwaqqafx il-qsim tal-informazzjoni bejn il-korpi tas-settur pubbliku mingħajr ħlas waqt it-twettiq tal-kompiti pubbliċi tagħhom, meta partijiet oħra jkunu qed jintalbu ħlas għall-użu mill-ġdid tal-istess dokumenti. Jenħtieġ li dan lanqas ma jwaqqaf l-adozzjoni ta' politika ta' tariffar differenzjat għall-użu mill-ġdid kummerċjali u mhux kummerċjali.

↓ 2013/37/UE premessa 26

(42) B'rabta ma' użu mill-ġdid tad-dokument, il-korpi tas-settur pubbliku jistgħu jimponu xi kundizzjonijiet, meta xieraq permezz ta' liċenzja, pereżempju r-rikonoxximent tas-sors u r-rikonoxximent ta' jekk id-dokument inbidilx b'xi mod mill-utent li użah mill-ġdid. Fi kwalunkwe każ, il-liċenzji għall-użu mill-ġdid tal-informazzjoni tas-settur pubbliku jenħtieġ jagħmlu l-inqas restrizzjonijiet possibbli fuq l-użu mill-ġdid, pereżempju jillimitawhom għal indikazzjoni tas-sors. Il-liċenzji miftuħin disponibbli online, li jagħtu drittijiet usa' tal-użu mill-ġdid mingħajr restrizzjonijiet teknoloġiċi, finanzjarji jew ġeografiċi, u li jistrieħu fuq formati tad-dejta miftuħa, jenħtieġ jaqdu rwol importanti f'dan ir-rigward. Għaldaqstant, l-Istati Membri jenħtieġ iħeġġu l-użu tal-liċenzji miftuħa li eventwalment jenħtieġ isir prattika komuni mal-Unjoni kollha.

↓ 2003/98/KE premessa 20

(43) Il-korpi tas-settur pubbliku jenħtieġ jirrispettaw ir-regoli tal-kompetizzjoni meta jistabbilixxu l-prinċipji għall-użu mill-ġdid tad-dokumenti filwaqt li jevitaw kemm jista' jkun ftehimiet esklussivi bejniethom u s-sħab privati. Iżda, biex jipprovdu servizz ta' interess ekonomiku ġenerali, xi drabi jaf ikun hemm bżonn jingħata dritt esklussiv għall-użu mill-ġdid ta' dokumenti speċifiċi tas-settur pubbliku. Dan jista'

jkun il-każ jekk l-ebda pubblikatur kummerċjali ma jippubblika l-informazzjoni mingħajr dak id-dritt esklussiv.

↓ 2013/37/UE premessa 31 ⇨ ġdid

(44) ⇨ Hemm għadd ta' arranġamenti ta' kooperazzjoni bejn il-libreriji, inkluż il-libreriji universitarji, il-mużewijiet, l-arkivji u s-sħab privati li jinvolvu d-diġitalizzazzjoni tar-riżorsi kulturali li jagħtu drittijiet esklussivi lil sħab privati. L-esperjenza turi li dawn is-sħubijiet pubbliċi privati jistgħu jiffaċilitaw l-użu sinifikanti tal-kollezzjonijiet kulturali u fl-istess waqt iżidu l-aċċess tal-pubbliku għall-wirt kulturali. Għaldaqstant, jixraq jitqiesu d-diverġenzi attwali fl-Istati Membri fir-rigward tad-diġitalizzazzjoni tar-riżorsi kulturali b'sett ta' regoli speċifiċi dwar arranġamenti esklussivi għad-diġitalizzazzjoni ta' dawk ir-riżorsi. ⇦ Meta dritt esklussiv ikun jirrigwarda d-diġitalizzazzjoni tar-riżorsi kulturali, jaf ikun hemm bżonn ċertu perjodu ta' esklussività biex is-sieħeb privat ikun jista' jirkupra l-investiment tiegħu. Iżda dak il-perjodu jenħtieġ ikun limitat fiż-żmien u qasir kemm jista' jkun biex jitħares il-prinċipju li l-materjal tad-dominju pubbliku jenħtieġ jibqa' fid-dominju pubbliku ladarba jkun ġie diġitalizzat. B'mod ġenerali, il-perjodu ta' dritt esklussiv għad-diġitalizzazzjoni tar-riżorsi kulturali jenħtieġ ma jkunx jaqbeż l-għaxar (10) snin. Perjodu ta' esklussività itwal minn għaxar (10) snin jenħtieġ ikun soġġett għal rieżami, filwaqt li jitqiesu l-bidliet teknoloġiċi, finanzjarji u amministrattivi fl-ambjent minn mindu jkun sar l-arranġament. Barra minn hekk, kull sħubija pubblika privata għad-diġitalizzazzjoni tar-riżorsi kulturali jenħtieġ tagħti drittijiet sħaħ lill-istituzzjoni kulturali sieħba fir-rigward tal-użu wara t-terminazzjoni tar-riżorsi kulturali diġitalizzati.

⇩ ġdid

(45) L-arranġamenti bejn id-detenturi tad-dejta u l-utenti li jużaw id-dejta mill-ġdid, li ma jkunux espressament jagħtu drittijiet esklussivi, iżda li jista' jkun raġonevolment mistenni li jirrestrinġu d-disponibbiltà tad-dokumenti għall-użu mill-ġdid, jenħtieġ ikunu soġġetti għal skrutinju pubbliku addizzjonali u għalhekk jenħtieġ jiġu ppubblikati mill-inqas xahrejn qabel jidħlu fis-seħħ biex il-partijiet interessati jkollhom l-opportunità li jitolbu l-użu mill-ġdid tad-dokumenti koperti mill-ftehim u jevitaw ir-riskju li tiġi ristretta l-firxa ta' utenti potenzjali li jużaw mill-ġdid. Dawn id-dokumenti jenħtieġ ukoll isiru pubbliċi wara l-konklużjoni tagħhom, bil-forma finali miftiehma bejn il-partijiet.

(46) Din id-Direttiva għandha l-għan li tnaqqas kemm jista' jkun ir-riskju ta' vantaġġi eċċessivi tal-innovatur li jistgħu jillimitaw l-għadd ta' utenti potenzjali li jużaw id-dejta mill-ġdid. Meta l-arranġamenti kuntrattwali, minbarra l-obbligi lill-Istati Membri skont din id-Direttiva biex jagħtu d-dokumenti, ikunu jeżiġu trasferiment ta' riżorsi tal-Istati Membri skont it-tifsira tal-Artikolu 107(1) tat-TFUE, din id-Direttiva jenħtieġ tkun mingħajr preġudizzju għall-applikazzjoni ta' għajnuna mill-Istat u regoli tal-kompetizzjoni oħrajn stabbiliti fl-Artikolu 101 sa 109 tat-Trattat. Mir-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat stabbiliti fl-Artikoli 107 sa 109 tat-Trattat jirriżulta li l-Istat jenħtieġ jivverifika *ex ante* jekk tistax tkun involuta għajnuna mill-Istat fl-arranġament kuntrattwali rilevanti u jiżgura li dawn ikunu konformi mar-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat.

⬇ 2003/98/KE premessa 21
(adattat)
⇨ ġdid

(47) Din id-Direttiva ⌦ hi mingħajr preġudizzju u jenħtieġ ⌫ tiġi implimentata u applikata b'konformità sħiħa ~~mal-prinċipji~~ ⌦ mad-dritt tal-Unjoni ⌫ dwar il-protezzjoni tad-dejta personali~~skont id-Direttiva 95/46/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Ottubru 1995 dwar il-protezzjoni ta' individwi fir-rigward tal-ipproċessar tad-dejta personali u ċ-ċaqliq liberu ta' dik id-dejta~~[41] ⌦ inkluż ir-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[42] u d-Direttiva 2002/58/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[43] ⌫ . ⇨ L-anonimizzazzjoni hi mezz li jirrikonċilja l-interessi li l-informazzjoni tas-settur pubbliku ssir riutilizzabbli kemm jista' jkun mal-obbligi tal-leġiżlazzjoni dwar il-protezzjoni tad-dejta, iżda din għandha prezz. Jixraq li din titqies fost l-ispejjeż li jridu jiġu kkunsidrati bħala parti mill-ispejjeż marġinali tad-disseminazzjoni kif definit fl-Artikolu 6 ta' din id-Direttiva. ⇦

⬇ 2003/98/KE premessa 22

(48) Din id-Direttiva ma taffettwax id-drittijiet tal-proprjetà intellettwali ta' partijiet terzi. Biex ikun evitat kull dubju, l-espressjoni "drittijiet tal-proprjetà intellettwali" tirreferi għad-drittijiet tal-awtur u drittijiet relatati biss (inkluż forom *sui generis* ta' protezzjoni). Din id-Direttiva ma tapplikax għad-dokumenti koperti bi drittijiet tal-proprjetà industrijali, bħall-privattivi, id-disinji reġistrati u l-marki kummerċjali. Din id-Direttiva la taffettwa l-eżistenza jew il-proprjetà ta' drittijiet tal-proprjetà intellettwali tal-korpi tas-settur pubbliku, u lanqas ma tillimita l-eżerċizzju ta' dawn id-drittijiet b'xi mod lil hinn mil-limiti stabbiliti f'din id-Direttiva. L-obbligi imposti minn din id-Direttiva jenħtieġ japplikaw biss sal-limitu li jkunu kompatibbli mad-dispożizzjonijiet tal-arranġamenti internazzjonali dwar il-protezzjoni tad-drittijiet tal-proprjeta intellettwali, b'mod partikolari l-Konvenzjoni ta' Berna għall-Protezzjoni ta' Xogħlijiet Letterarji u Artisitiċi (il-Konvenzjoni ta' Berna) u l-Ftehim dwar l-Aspetti tad-Drittijiet tal-Proprjetà Intellettwali Relatati mal-Kummerċ (il-Ftehim TRIPS). Iżda l-korpi tas-settur pubbliku jenħtieġ jeżerċitaw id-drittijiet tagħhom tal-awtur b'mod li jiffaċilita l-użu mill-ġdid.

⬇ 2013/37/UE premessa 9
(adattat)

(49) Fid-dawl tad-dritt tal-Unjoni u tal-obbligi internazzjonali tal-Istati Membri u tal-Unjoni, b'mod partikolari skont il-Konvenzjoni ta' Berna ~~għall-Protezzjoni tax-Xogħlijiet Letterarji u Artistiċi~~ u l-Ftehim ⌦ TRIPS ⌫ ~~dwar l-Aspetti Marbutin mal-Kummerċ tad-Drittijiet tal-Proprjetà Intellettwali~~, id-dokumenti li partijiet terzi

41 ~~ĠU L 281, 23.11.1995, p. 31.~~

42 Ir-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' April 2016 dwar il-protezzjoni tal-persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' *data* personali u dwar il-moviment liberu ta' tali *data*, u li jħassar id-Direttiva 95/46/KE (Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-*Data*).

43 Id-Direttiva 2002/58/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Lulju 2002 dwar l-ipproċessar tad-*data* personali u l-protezzjoni tal-privatezza fis-settur tal-komunikazzjoni elettronika (Direttiva dwar il-privatezza u l-komunikazzjoni elettronika) (ĠU L 201, 31.07.2002, p. 37).

għandhom id-drittijiet tal-proprjetà intellettwali tagħhom jenħtieġ ikunu esklużi mill-kamp ta' applikazzjoni ta' ⌦ din ⌫ id-Direttiva ~~2003/98/KE~~. Jekk parti terza tkun il-proprjetarju inizjali tad-dritt tal-proprjetà intellettwali għal dokument miżmum minn libreriji, inkluż il-libreriji universitarji, mużewijiet u arkivji u t-terminu tal-protezzjoni ta' dawk id-drittijiet ma jkunx skada, jenħtieġ li dak id-dokument, għall-fini ta' din id-Direttiva, jitqies bħala dokument li partijiet terzi għandhom id-drittijiet tal-proprjetà intellettwali tiegħu.

↓ 2013/37/UE premessa 12 (adattat)

(50) ⌦ Jenħtieġ li din ⌫ id-Direttiva ~~2003/98/KE~~ tkun mingħajr preġudizzju għad-drittijiet, inkluż id-drittijiet ekonomiċi u morali, li jista' jkollhom l-impjegati tal-korpi tas-settur pubbliku skont ir-regoli nazzjonali.

↓ 2013/37/UE premessa 13

(51) Barra minn hekk, meta dokument isir disponibbli għall-użu mill-ġdid, il-korp tas-settur pubbliku kkonċernat jenħtieġ iżomm id-dritt li tisfrutta d-dokument.

↓ 2003/98/KE premessa 23

(52) L-għodda li tgħin lil utenti potenzjali li jużaw mill-ġdid biex isibu dokumenti disponibbli għall-użu mill-ġdid u l-kundizzjonijiet għall-użu mill-ġdid jistgħu jiffaċilitaw ferm l-użu transfruntier tad-dokumenti tas-settur pubbliku. Għalhekk l-Istati Membri jenħtieġ jiżguraw li jkunu jeżistu arranġamenti prattiċi biex jgħinu lill-utenti li jużaw mill-ġdid biex ifittxu dokumenti disponibbli għall-użu mill-ġdid. Listi tal-assi, l-aħjar aċċessibbli online, ta' dokumenti ewlenin (dokumenti li ntużaw estensivament mill-ġdid jew bil-potenzjal li jintużaw estensivament mill-ġdid), u l-portali kkollegati ma' listi tal-assi deċentralizzati huma eżempji ta' dawk l-arranġamenti prattiċi.

↓ 2003/98/KE premessa 24
⇨ ġdid

(53) Din id-Direttiva hi mingħajr preġudizzju għad-Direttiva 2001/29/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ~~tat-22 ta' Mejju 2001 dwar l-armonizzazzjoni ta' ċerti aspetti tad-drittijiet tal-awtur u drittijiet relatati fis-soċjetà tal-informazzjoni~~[44] u għad-Direttiva 96/9/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ~~tal-11 ta' Marzu 1996 dwar il-protezzjoni legali ta' databases~~[45]. Din tistabbilixxi l-kundizzjonijiet li skonthom il-korpi tas-settur pubbliku jistgħu jeżerċitaw id-drittijiet tagħhom tal-proprjetà intellettwali fis-suq intern tal-informazzjoni meta jkun permess l-użu mill-ġdid tad-dokumenti. ⇨ B'mod partikolari, meta l-korpi tas-settur pubbliku jkunu detenturi tad-

---

[44] Id-Direttiva 2001/29/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Mejju 2001 dwar l-armonizzazzjoni ta' ċerti aspetti ta' drittijiet tal-awtur u drittijiet relatati fis-soċjetà tal-informazzjoni (ĠU L 167, 22.6.2001, p. 10).

[45] Id-Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill 96/9/KE tal-11 ta' Marzu 1996, dwar il-protezzjoni legali ta' databases (ĠU L 77, 27.3.1996, p. 20).

dritt previst fl-Artikolu 7(1) tad-Direttiva 96/9/KE, dawn jenħtieġ ma jeżerċitawhx biex jevitaw jew jirrestrinġu l-użu mill-ġdid tad-dejta li hemm fil-bażijiet tad-dejta. ⇦

🡻 2013/37/UE premessa 27 (adattat)

(54) Il-Kummissjoni appoġġat l-iżvilupp ta' ⌦ Rapport dwar il-Maturità tad-Dejta Miftuħa ⌫ ~~tabella ta' valutazzjoni fl-Internet tal-Informazzjoni tas-Settur Pubbliku~~ b'indikaturi tal-prestazzjoni rilevanti għall-użu mill-ġdid tal-informazzjoni tas-settur pubbliku fl-Istati Membri kollha. Aġġornament regolari ta' ⌦ dan ir-rapport ⌫ ~~din it-tabella ta' valutazzjoni~~ jikkontribwixxi għall-qsim tal-informazzjoni bejn l-Istati Membri u għad-disponibbiltà ta' informazzjoni dwar politiki u prattiki fl-Unjoni kollha.

🡻 2013/37/UE premessa 35
⇨ ġdid

(55) Hemm bżonn ikun żgurat li l-Istati Membri ⇨ jimmonitorjaw ⇦ ~~jirrappurtaw lill-Kummissjoni rigward~~ l-ammont ta' użu mill-ġdid tal-informazzjoni tas-settur pubbliku, il-kundizzjonijiet li skonthom issir disponibbli u l-prattiki ta' rimedju.

🡻 2013/37/UE premessa 29
⇨ ġdid

(56) Il-Kummissjoni ⇨ tista' ⇦ ~~jenħtieġ~~ tgħin lill-Istati Membri jimplimentaw din id-Direttiva b'mod konsistenti billi toħroġ linji gwida ⇨ u taġġorna dawk eżistenti ⇦ , b'mod partikolari dwar il-liċenzji standard rakkomandati, is-settijiet tad-dejta u t-tariffar għall-użu mill-ġdid tad-dokumenti, wara konsultazzjoni mal-partijiet interessati.

🡻 2013/37/UE premessa 15
⇨ ġdid

(57) Wieħed mill-għanijiet ewlenin tal-istabbiliment tas-suq intern hu l-ħolqien ta' kundizzjonijiet li jwasslu għall-iżvilupp ta' servizzi fl-Unjoni kollha. Il-libreriji, il-mużewijiet u l-arkivji għandhom ammont sinifikanti ta' riżorsi siewja tal-informazzjoni tas-settur pubbliku, b'mod partikolari mindu l-proġetti tad-diġitalizzazzjoni mmultiplikaw l-ammont ta' materjal diġitali tas-settur pubbliku. Dawn il-kollezzjonijiet ta' wirt kulturali u l-metadejta relatata huma bażi potenzjali għal prodotti u servizzi b'kontenut diġitali u għandhom potenzjal enormi għal użu mill-ġdid innovattiv f'setturi bħat-tagħlim u t-turiżmu. ⇨ Tipi oħra ta' stabbilimenti kulturali (bħall-orkestri, l-opri, il-ballijiet u t-teatri), inkluż l-arkivji li huma parti minn dawk l-istabbilimenti, jenħtieġ jibqgħu barra mill-kamp ta' applikazzjoni minħabba l-ispeċifiċità tagħhom bħala "arti tal-ispettaklu" u minħabba l-fatt li kważi l-materjal kollu tagħhom hu soġġett għad-drittijiet tal-proprjetà intellettwali ta' partijiet terzi u għalhekk jibqa barra mill-kamp ta' applikazzjoni ta' dik id-Direttiva. ⇦ ~~Possibbiltajiet usa' ta' użu mill-ġdid ta' materjal kulturali pubbliku għandhom, *inter alia*, jippermettu lil kumpaniji tal-Unjoni jisfruttaw il-potenzjal tiegħu u jikkontribwixxu għat-tkabbir ekonomiku u l-ħolqien tal-impjegi.~~

⇩ ġdid

(58) Biex jiġu stabbiliti l-kundizzjonijiet li jappoġġaw l-użu mill-ġdid ta' dokumenti li hu assoċjat ma' benefiċċji soċjoekonomiċi importanti u li jkollu valur għoli għas-soċjetà u l-ekonomija, is-setgħa li jiġu adottati atti skont l-Artikolu 290 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea jenħtieġ tkun delegata lill-Kummissjoni fir-rigward tal-adozzjoni ta' lista ta' settijiet tad-dejta ta' valur għoli fost id-dokumenti li għalihom tapplika din id-Direttiva, flimkien mal-modalitajiet tal-pubblikazzjoni u l-użu mill-ġdid tagħhom. Hu importanti li l-Kummissjoni tagħmel konsultazzjonijiet xierqa waqt it-tħejjija, inkluż fil-livell ta' esperti, u li dawk il-konsultazzjonijiet isiru b'konformità mal-prinċipji stabbiliti fil-Ftehim Interistituzzjonali tat-13 ta' April 2016 dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet. B'mod partikolari, biex tkun żgurata parteċipazzjoni ndaqs fit-tħejjija tal-atti delegati, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill jirċievu d-dokumenti kollha fl-istess ħin mal-esperti tal-Istati Membri, u l-esperti tagħhom ikollhom aċċess b'mod sistematiku għal-laqgħat tal-gruppi ta' esperti tal-Kummissjoni li jkunu qed jittrattaw it-tħejjija tal-atti delegati.

(59) Xprunatur importanti għal applikazzjonijiet u servizzi tad-dejta transfruntiera hu lista għall-UE kollha ta' settijiet tad-dejta li għandhom potenzjal partikolari li joħolqu benefiċċji soċjoekonomiċi kif ukoll kundizzjonijiet armonizzati għall-użu mill-ġdid. Fil-proċess li jwassal għall-ħolqien tal-lista, il-Kummissjoni jenħtieġ twettaq konsultazzjonijiet xierqa, inkluż fil-livell ta' esperti. Jeħtieġ li l-lista tqis il-leġiżlazzjoni settorjali li diġà tirregola l-pubblikazzjoni tas-settijiet tad-dejta, kif ukoll il-kategoriji indikati fl-Anness Tekniku tal-Karta dwar id-Dejta Miftuħa tal-G8 u fl-Avviż tal-Kummissjoni 2014 /C 240/01.

(60) Biex ikun żgurat l-impatt massimu tagħhom u biex jiġi ffaċilitat l-użu mill-ġdid, jenħtieġ li s-settijiet tad-dejta ta' valur għoli jsiru disponibbli għall-użu mill-ġdid b'restrizzjonijiet legali minimi u mingħajr spejjeż. Jenħtieġ li dawn jiġu ppubblikati wkoll permezz tal-Interfaċċi ta' Programmazzjoni tal-Applikazzjonijiet, kull meta s-sett tad-dejta inkwistjoni jkun fih dejta dinamika.

🡻 2003/98/KE premessa 25 (adattat)

~~Minħabba li l-miri tal-azzjoni proposta, jiġifieri li jiffaċilitaw il-ħolqien ta' prodotti u servizzi ta' informazzjoni mal-Komunità kollha bbażata fuq dokumenti tas-settur pubbliku, biex itejbu l-użu effettiv bejn il-fruntieri ta' dokumenti tas-settur pubbliku minn kumpaniji privati għal prodotti u servizzi ta' informazzjoni b'valur miżjud u biex jiġi limitat it-tgħawwiġ fil-kompetizzjoni fis-suq tal-Komunità, ma jistgħux jinkisbu suffiċjentement mill-Istati Membri u jistgħu għalhekk, minħabba l-kamp ta' applikazzjoni intrinsiku tal-Komunità u l-impatt tal-imsemmija azzjoni, jistgħu jinkisbu aħjar fil-livell tal-Komunità, il-Komunità tista' tadotta miżuri skont il-prinċipju tas-sussidjarjetà kif stipulat fl-Artikolu 5 tat-Trattat. Skont il-prinċipju tal-proporzjonalità kif stipulat f'dak l-Artikolu, din id-Direttiva ma tmurx lil hinn minn dak li huwa meħtieġ biex jinkisbu dawn il-miri. Din id-Direttiva għandha tikseb armonizzazzjoni minima u b'hekk jiġu evitati aktar disparitajiet bejn l-Istati Membri fit-trattament tal-użu mill-ġdid ta' dokumenti tas-settur pubbliku.~~

➔ 2013/37/UE premessa 33 (adattat)

(61) Billi l-għanijiet ta' din id-Direttiva, speċifikament li jiġi ffaċilitat il-ħolqien ta' prodotti u servizzi tal-informazzjoni fl-Unjoni kollha bbażati fuq dokumenti tas-settur pubbliku, li jkun żgurat l-użu transfruntier effiċjenti tad-dokumenti tas-settur pubbliku min-naħa tal-kumpaniji privati, partikolarment mill-intrapriżi żgħar u medji, għal prodotti u servizzi tal-informazzjoni b'valur miżjud, u min-naħa taċ-ċittadini biex teħfief iċ-ċirkolazzjoni libera tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni, ma jistgħux jintlaħqu ⌦ kif xieraq ⌫ mill-Istati Membri ~~u għaldaqstant,~~ ⌦ iżda ⌫ minħabba ⌦ l-ambitu ⌫ ~~l-ambitu intrinsikament~~ pan-Ewropew tal-azzjoni proposta, jistgħu jintlaħqu aħjar fil-livell tal-Unjoni, l-Unjoni tista' tadotta miżuri, skont il-prinċipju tas-sussidjarjetà kif stipulat fl-Artikolu 5 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea. Skont il-prinċipju tal-proporzjonalità, kif stipulat f'dak l-Artikolu, din id-Direttiva ma tmurx lil hinn minn dak meħtieġ biex jintlaħqu dawk l-għanijiet.

➔ 2013/37/UE premessa 34 (adattat)
⇨ ġdid

(62) Din id-Direttiva tirrispetta d-drittijiet fundamentali u tosserva l-prinċipji rikonoxxuti b'mod partikolari mill-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, inkluż ⇨ id-dritt tal-privatezza (l-Artikolu 7), ⇦ il-protezzjoni tad-dejta personali (l-Artikolu 8), ~~u~~ id-dritt għall-proprjetà (l-Artikolu 17) ⇨ u l-integrazzjoni tal-persuni b'diżabbiltà (l-Artikolu 26) ⇦ . Jenħtieġ li xejn f'din id-Direttiva ma jiġi interpretat jew implimentat b'mod inkonsistenti mal-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u l-Libertajiet Fundamentali.

⇩ ġdid

(63) Il-Kummissjoni jenħtieġ twettaq evalwazzjoni ta' din id-Direttiva. Skont il-paragrafu 22 tal-Ftehim Interistituzzjonali bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u l-Kummissjoni Ewropea dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet tat-13 ta' April 2016[46], dik l-evalwazzjoni jenħtieġ tkun ibbażata fuq il-ħames kriterji tal-effiċjenza, l-effettività, ir-rilevanza, il-koerenza u l-valur miżjud tal-UE u jenħtieġ tipprovdi l-bażi għal valutazzjonijiet tal-impatt ta' miżuri ulterjuri possibbli.

(64) L-obbligu li din id-Direttiva tiġi trasposta fil-liġi nazzjonali jenħtieġ jiġi limitat għal dawk id-dispożizzjonijiet li jirrappreżentaw emenda sostantiva meta mqabbla mad-Direttivi preċedenti. L-obbligu li jiġu trasposti d-dispożizzjonijiet li mhumiex mibdula, joħroġ mid-Direttivi preċedenti.

(65) Din id-Direttiva jenħtieġ tkun mingħajr preġudizzju għall-obbligi tal-Istati Membri rigward il-limiti taż-żmien għat-traspożizzjoni fil-liġi nazzjonali tad-Direttivi indikati fl-Anness I, il-Parti B,

[46] ĠU L123, 12.5. 2016, p. 1.

↓ 2003/98/KE

ADOTTAW DIN ID-DIRETTIVA:

KAPITOLU I

DISPOŻIZZJONIJIET ĠENERALI

Artikolu 1

Is-suġġett u l-kamp ta' applikazzjoni

1. Din id-Direttiva tistabbilixxi sett minimu ta' regoli li jirregolaw l-użu mill-ġdid u l-mezzi prattiċi li jiffaċilitaw l-użu mill-ġdid ta':

(a) id-dokumenti eżistenti miżmuma mill-korpi tas-settur pubbliku tal-Istati Membri;.

⇩ ġdid

(b) id-dokumenti eżistenti miżmuma mill-impriżi pubbliċi li huma attivi fl-oqsma definiti fid-Direttiva 2014/25/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[47] u mill-impriżi pubbliċi li jaġixxu bħala operaturi ta' servizzi pubbliċi skont l-Artikolu 2 tar-Regolament (KE) Nru 1370/2007 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[48], l-impriżi pubbliċi li jaġixxu bħala trasportaturi bl-ajru li jissodisfaw l-obbligi tas-servizz pubbliku skont l-Artikolu 16 tar-Regolament (KE) Nru 1008/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[49], u l-impriżi pubbliċi li jaġixxu bħala sidien ta' bastimenti tal-Komunità li jissodisfaw l-obbligi tas-servizz pubbliku skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3577/92[50].

(c) id-dejta tar-riċerka, skont il-kundizzjonijiet stipulati fl-Artikolu 10(1) u (2).

↓ 2003/98/KE

2. Din id-Direttiva ma għandhiex tapplika għal:

↓ 2013/37/UE Art. 1(1)(a)(i)

(a) dokumenti li l-forniment tagħhom hu attività li mhix fl-ambitu tal-kompitu pubbliku tal-korpi tas-settur pubbliku kkonċernati, kif definit bil-liġi jew b'regoli vinkolanti oħra

[47] Id-Direttiva 2014/25/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Frar 2014 dwar l-akkwist minn entitajiet li joperaw fis-setturi tas-servizzi tal-ilma, l-enerġija, it-trasport u postali u li tħassar id-Direttiva 2004/17/KE (ĠU L 94, 28.3.2014, p. 243).

[48] Ir-Regolament (KE) Nru 1370/2007 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2007 dwar servizzi pubbliċi tat-trasport tal-passiġġieri bil-ferrovija u bit-triq u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KEE) Nri 1191/69 u 1107/70.

[49] Ir-Regolament (KE) Nru 1008/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Settembru 2008 dwar regoli komuni għall-operat ta' servizzi tal-ajru fil-Komunità (Riformulazzjoni) (ĠU L 293, 31.10.2008, p. 3-20).

[50] Ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3577/92 tas-7 ta' Diċembru 1992 li japplika l-prinċipju ta' libertà li jiġu pprovduti servizzi għat-trasport marittimu fi ħdan l-Istati Membri (kabotaġġ marittimu) (ĠU L 364, 12.12.1992, p. 7-10).

tal-Istat Membru, jew fin-nuqqas ta' dawn ir-regoli, kif definit mill-prattika amministrattiva komuni tal-Istat Membru inkwistjoni, diment li l-ambitu tal-kompiti pubbliċi jkun trasparenti u soġġett għal rieżami;

⇩ ġdid

(b) dokumenti miżmuma mill-impriżi pubbliċi, maħluqa barra mill-ambitu tal-forniment tas-servizzi ta' interess ġenerali kif definit bil-liġi jew b'xi regoli vinkolanti oħra tal-Istat Membru;

🡻 2003/98/KE

(c~~b~~) dokumenti li partijiet terzi għandhom id-drittijiet tal-proprjetà intellettwali tagħhom;

🡻 2013/37/UE Art. 1(1)(a)(ii) (adattat)

(d~~c~~) dokumenti li huma esklużi mill-aċċess minħabba r-reġimi tal-aċċess tal-Istati Membri, fosthom minħabba:

– il-protezzjoni tas-sigurtà nazzjonali (~~i.e.~~ ⌦ jiġifieri ⌫ s-sigurtà tal-Istat), id-difiża jew is-sigurtà pubblika,

– il-kunfidenzjalità tal-istatistika,

– il-kunfidenzjalità kummerċjali (~~eż.~~ ⌦ inkluż ⌫ is-sigrieti kummerċjali, professjonali jew tal-kumpaniji);

🡻 2013/37/UE Art. 1(1)(a)(iii)

(e~~ca~~) dokumenti li l-aċċess għalihom hu ristrett minħabba r-reġimi tal-aċċess tal-Istati Membri, inkluż meta ċ-ċittadini jew il-kumpaniji jridu jippruvaw interess partikolari biex jiksbu aċċess għad-dokumenti;

(f~~cb~~) partijiet ta' dokumenti li fihom biss logos, armi u insinja;

(g~~cc~~) dokumenti li l-aċċess għalihom hu eskluż jew ristrett minħabba r-reġimi tal-aċċess għal raġunijiet ta' protezzjoni tad-dejta personali, u partijiet ta' dokumenti aċċessibbli minħabba dawk ir-reġimi li fihom dejta personali li l-użu mill-ġdid tagħha ġie definit bil-liġi bħala inkompatibbli mal-liġi fejn tidħol il-protezzjoni tal-individwi fir-rigward tal-ipproċessar tad-dejta personali;

🡻 2003/98/KE

(h~~d~~) dokumenti miżmuma minn xandara tas-servizz pubbliku u s-sussidjarji tagħhom, jew minn korpi oħra jew is-sussidjarji tagħhom għat-twettiq tal-mandat tax-xandir tas-servizz pubbliku;

↓ 2013/37/UE Art. 1(1)(a)(v)
⇨ ġdid

(i~~f~~) dokumenti miżmuma minn stabbiliment kulturali, għajr il-libreriji, ⇨ inkluż il-libreriji universitarji, ⇦ il-mużewijiet jew l-arkiviji;

↓ 2013/37/UE Art. 1(1)(a)(iv)
⇨ ġdid

(j~~e~~) dokumenti miżmuma minn stabbilimenti edukattivi ~~u tar-riċerka~~ ⇨ tas-sekondarja u tal-livelli aktar baxxi ⇦ ~~, inklużi organizzazzjonijiet imwaqqfa għat-trasferiment ta' riżultati tar-riċerka, skejjel u universitajiet, għajr il-libreriji universitarji~~ u ⇨ , fil-każ tal-istabbilimenti edukattivi l-oħra kollha, dokumenti għajr dawk imsemmija fl-Artikolu 1(1)(c); ⇦

⇩ ġdid

(k) dokumenti għajr dawk imsemmija fl-Artikolu 1(1)(c) miżmuma mill-organizzazzjonijiet li jwettqu r-riċerka u mill-organizzazzjonijiet li jiffinanzjaw ir-riċerka, inkluż l-organizzazzjonijiet stabbiliti għat-trasferiment tar-riżultati tar-riċerka.

↓ 2013/37/UE Art. 1(1)(b)

3. Din id-Direttiva tibni fuq ir-reġimi tal-aċċess tal-Istati Membri u hi mingħajr preġudizzju għalihom.

↓ 2003/98/KE
➔1 2013/37/UE Art. 1(1)(c)

~~4. Din id-Direttiva tħalli intatt u bl-ebda mod ma taffettwa l-livell ta' protezzjoni ta' individwi fir-rigward tal-ipproċessar ta' dejta personali taħt id-dispożizzjonijiet tal-liġi~~ ➔1 ~~tal-Unjoni~~ ← ~~u l-liġi nazzjonali, u b'mod partikolari ma tibdilx l-obbligi u d-drittijiet stipulati fid-Direttiva 95/46/KE.~~

4~~5~~. L-obbligi imposti b'din id-Direttiva għandhom japplikaw biss sakemm ikunu kompatibbli mad-dispożizzjonijiet ta' ftehimiet internazzjonali dwar il-protezzjonijiet tad-drittijiet tal-proprjetà intellettwali, b'mod partikolari l-Konvenzjoni ta' Berna u l-Ftehim TRIPS.

⇩ ġdid

5. Id-dritt għall-kreatur ta' bażi tad-dejta previst fl-Artikolu 7(1) tad-Direttiva 96/9/KE ma għandux jiġi eżerċitat mill-korpi tas-settur pubbliku biex ikun evitat jew ristrett l-użu mill-ġdid tad-dokumenti skont din id-Direttiva.

6. Din id-Direttiva tirregola l-użu mill-ġdid tad-dokumenti eżistenti miżmuma mill-korpi tas-settur pubbliku tal-Istati Membri, inkluż id-dokumenti li għalihom tapplika d-Direttiva 2007/2/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[51].

🡻 2003/98/KE

Artikolu 2

Id-definizzjonijiet

Għall-finijiet ta' din id-Direttiva, għandhom japplikaw dawn id-definizzjonijiet:

1. "korp tas-settur pubbliku" tfisser l-awtoritajiet tal-Istat, reġjonali jew lokali, il-korpi regolati bil-liġi pubblika u l-assoċjazzjonijiet iffurmati minn awtorità waħda jew bosta awtoritajiet bħal dawn jew minn korp jew bosta korpi bħal dawn regolati bil-liġi pubblika;

2. "korp regolat bil-liġi pubblika" tfisser korp:

(a) stabbilit għall-fini speċifiku biex jiġu ssodisfati l-ħtiġijiet fl-interess ġenerali, li ma għandhomx natura industrijali jew kummerċjali; kif ukoll

(b) li għandu personalità ġuridika; kif ukoll

(c) iffinanzjat, fil-parti l-kbira tiegħu mill-Istat, jew minn awtoritajiet reġjonali jew lokali, jew korpi oħra regolati bil-liġi pubblika; jew ikun soġġett għas-superviżjoni maniġerjali minn dawk il-korpi; jew ikollu bord amministrattiv, maniġerjali jew tas-sorveljanza, li aktar minn nofs il-membri tiegħu jkunu ħatruhom l-awtoritajiet tal-Istat, reġjonali jew lokali jew korpi oħra regolati bil-liġi pubblika;

⇩ ġdid

3. "impriża pubblika" tfisser kull impriża li fuqha l-l-korpi tas-settur pubbliku jistgħu jeżerċitaw direttament jew indirettament influwenza dominanti bis-saħħa tal-pussess li għandhom fiha, tal-parteċipazzjoni finanzjarja tagħhom fiha, jew tar-regoli li jirregolawha;

🡻 2013/37/UE Art. 1(2)

49. "università" tfisser korp tas-settur pubbliku li jipprovdi edukazzjoni ogħla tal-postsekondarja li twassal għal lawrji akkademiċi;.

🡻 2003/98/KE

53. "dokument" tfisser:

(a) kontenut bi kwalunkwe mezz (miktub fuq karta, jew maħżun b'format elettroniku jew irrekordjat b'mod awdjo, viżiv jew awdjoviżiv);

---

[51] Id-Direttiva 2007/2/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Marzu 2007 li tistabbilixxi Infrastruttura għall-Informazzjoni Ġeografika fil-Komunità Ewropea (Inspire) (ĠU L 108, 25.4.2007, p. 1).

(b) parti ta' dak il-kontenut;

⇩ ġdid

6. "dejta dinamika" tfisser dokumenti b'xi format elettroniku, soġġett għal aġġornamenti frekwenti jew f'ħin reali;

7. "dejta tar-riċerka" tfisser dokument b'format diġitali, għajr il-pubblikazzjonijiet xjentifiċi, miġbura jew magħmula matul attivitajiet tar-riċerka xjentifika u użati bħala evidenza fil-proċess tar-riċerka, jew huma aċċettati komunement fil-komunità tar-riċerka kif meħtieġ biex jiġu vvalidati s-sejbiet u r-riżultati tar-riċerka;

8. "settijiet tad-dejta ta' valur għoli" tfisser dokumenti li l-użu mill-ġdid tagħhom li hu assoċjat ma' benefiċċji soċjoekonomiċi importanti, l-aktar minħabba l-adegwatezza tagħhom biex jinħolqu servizzi u applikazzjonijiet b'valur miżjud, u l-għadd ta' benefiċjarji potenzjali tas-servizzi u l-applikazzjonijiet b'valur miżjud abbażi ta' dawn is-settijiet tad-dejta;

🡻 2003/98/KE (adattat)

9~~4~~. "użu mill-ġdid" tfisser l-użu minn persuni jew entitajiet ġuridiċi ta' dokumenti miżmuma mill-korpi tas-settur pubbliku, għal finijiet kummerċjali jew mhux kummerċjali li mhumiex il-fini oriġinali tal-kompitu pubbliku li għalih kienu saru d-dokumenti, ~~.~~ ⌦ għajr ⌫ l~~L~~-iskambju ta' dokumenti bejn korpi tas-settur pubbliku purament biex iwettqu l-kompiti pubbliċi tagħhom ~~ma jikkostitwixxix użu mill-ġdid~~;

~~5. "dejta personali" tfisser dejta kif definita fl-Artikolu 2(a) tad-Direttiva 95/46/KE.~~

🡻 2013/37/UE Art. 1(2)

10~~6~~. "format li jinqara mill-magni" tfisser format ta' fajl strutturat b'mod li l-applikazzjonijiet tas-softwer ikunu jistgħu jidentifikaw, jagħrfu u jieħdu dejta speċifika b'mod faċli, inkluż dikjarazzjonijiet individwali tal-fatti, u l-istruttura interna tagħhom;

11~~7~~. "format miftuħ" tfisser format ta' fajl li hu indipendenti mill-pjattaforma u jitqiegħed għad-dispożizzjoni tal-pubbliku mingħajr restrizzjonijiet li jxekklu l-użu mill-ġdid tad-dokumenti;

12~~8~~. "standard miftuħ formali" tfisser standard li ġie stabbilit bil-miktub u b'deskrizzjoni fid-dettall tal-ispeċifikazzjonijiet għar-rekwiżiti dwar kif tkun żgurata l-interoperabbiltà tas-softwer;

⇩ ġdid

13. "redditu raġonevoli fuq l-investiment" tfisser persentaġġ tat-tariffa ġenerali, flimkien ma' dik meħtieġa biex jiġi rkuprati l-ispejjeż eliġibbli, sa 5 punti perċentwali aktar mir-rata fissa tal-imgħax tal-Bank Ċentrali Ewropew;

14. "parti terza" tfisser kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika li mhix korp tas-settur pubbliku jew impriża pubblika li jżommu d-dejta.

➔ 2013/37/UE Art. 1(3) ⇨ ġdid

Artikolu 3

Il-prinċipju ġenerali

1. Soġġetti għall-paragrafu (2), l-Istati Membri għandhom jiżguraw li d-dokumenti, li din id-Direttiva tapplika għalihom skont l-Artikolu 1, ikunu jistgħu jintużaw mill-ġdid għal finijiet kummerċjali u mhux kummerċjali skont il-kundizzjonijiet stabbiliti fil-Kapitoli III u IV.

2. Għad-dokumenti li l-libreriji, inkluż il-libreriji universitarji, il-mużewijiet u l-arkivji għandhom id-drittjiet tal-proprjetà intellettwali tagħhom ⇨ u għad-dokumenti miżmuma mill-impriżi pubbliċi ⇦, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li, meta hu permess l-użu mill-ġdid ta' dawn id-dokumenti, dawn għandhom ikunu jistgħu jintużaw mill-ġdid għal finijiet kummerċjali u mhux kummerċjali skont il-kundizzjonijiet stabbiliti fil-Kapitoli III u IV.

➔ 2003/98/KE

KAPITOLU II

TALBIET GĦALL-UŻU MILL-ĠDID

Artikolu 4

Ir-rekwiżiti applikabbli għall-ipproċessar tat-talbiet għall-użu mill-ġdid

1. Il-korpi tas-settur pubbliku għandhom jipproċessaw, b'mezzi elettroniċi meta possibbli u xieraq, talbiet għall-użu mill-ġdid u għandhom jagħmlu d-dokument disponibbli għall-użu mill-ġdid lill-applikant jew, jekk tkun meħtieġa liċenzja, jiffinalizzaw l-offerta tal-liċenzja lill-applikant fi żmien raġonevoli li jkun konsistenti mal-limiti taż-żmien stabbiliti għall-ipproċessar tat-talbiet tal-aċċess għad-dokumenti.

2. Meta ma jkun ġie stabbilit l-ebda limitu taż-żmien jew l-ebda regola oħra li tirregola l-forniment fil-ħin tad-dokumenti, il-korpi tas-settur pubbliku għandhom jipproċessaw it-talba u għandhom iwasslu d-dokumenti għall-użu mill-ġdid lill-applikant jew, jekk tkun meħtieġa liċenzja, jiffinalizzaw l-offerta tal-liċenzja lill-applikant fi żmien sa 20 jum tax-xogħol minn meta tasal it-talba. Dan il-limitu taż-żmien jista' jittawwal b'20 jum tax-xogħol ieħor għal talbiet estensivi jew komplessi. F'dawk il-każijiet, l-applikant għandu jiġi notifikat fi żmien tliet ġimgħat wara t-talba inizjali li jkun hemm bżonn aktar żmien biex tiġi pproċessata.

➔ 2013/37/UE Art. 1(4)

3. Fil-każ ta' deċiżjoni negattiva, il-korpi tas-settur pubbliku għandhom jikkomunikaw ir-raġunijiet għar-rifjut lill-applikant skont id-dispożizzjonijiet rilevanti tar-reġim tal-aċċess ta' dak l-Istat Membru jew skont id-dispożizzjonijiet nazzjonali adottati skont din id-Direttiva, b'mod partikulari l-punti (a) sa (g~~cc~~) tal-Artikolu 1(2~~2~~) jew l-Artikolu 3. Meta deċiżjoni negattiva tkun ibbażata fuq il-punt (c) tal-Artikolu 1(2~~2~~)~~(b)~~, il-korp tas-settur pubbliku għandu jagħmel referenza għall-persuna fiżika jew ġuridika li tkun id-detentur tad-dritt, meta magħrufa, jew inkella għal-liċenzjatur li mingħandu l-korp tas-settur pubbliku jkun

kiseb il-materjal rilevanti. Il-libreriji, inkluż il-libreriji universitarji, il-mużewijiet u l-arkivji mhumiex obbligati jinkludu din ir-referenza.

4. Kull deċiżjoni dwar l-użu mill-ġdid għandha tagħmel referenza għall-mezz ta' rimedju jekk l-applikant ikun jixtieq jappella kontra d-deċiżjoni. Il-miżuri ta' rimedju għandhom jinkludu l-possibbiltà ta' rieżami minn korp imparzjali tar-rieżami bil-kompetenzi xierqa, bħall-awtorità tal-kompetizzjoni nazzjonali, l-awtorità nazzjonali tal-aċċess għad-dokumenti jew awtorità ġudizzjarja nazzjonali, li d-deċiżjonijiet tagħha jkunu vinkolanti għall-korp tas-settur pubbliku kkonċernat.

🡻 2003/98/KE (adattat)
⇨ ġdid

5. ⌦ Dawn l-entitajiet ma għandhomx ikunu meħtieġa jikkonformaw mar-rekwiżiti ta' dan l-Artikolu: ⌫

~~Il-korpi tas-settur pubbliku koperti taħt l-Artikolu 1(2)(d), (e) u (f) ma għandhomx ikunu meħtieġa li jikkonformaw mar-rekwiżiti ta' dan l-Artikolu.~~

⇩ ġdid

(a) l-impriżi pubbliċi;

(b) l-istabbilimenti edukattivi, l-organizzazzjonijiet li jwettqu r-riċerka u l-organizzazzjonijiet li jiffinanzjaw ir-riċerka.

🡻 2003/98/KE

KAPITOLU III

IL-KUNDIZZJONIJIET GĦALL-UŻU MILL-ĠDID

🡻 2013/37/UE Art. 1(5) (adattat)
⇨ ġdid

Artikolu 5

Il-formati disponibbli

1. ⌦ Mingħajr preġudizzju għall-Kapitolu V, ⌫ iIl-korpi tas-settur pubbliku ⇨ u l-impriżi pubbliċi ⇦ jenħtieġ jagħmlu d-dokumenti tagħhom disponibbli b'xi format jew lingwa eżistenti qabel u, meta possibbli u xieraq, b'format miftuħ u li jinqara mill-magni, flimkien mal-metadejta tagħhom. Kemm il-format u l-metadejta ⌦ għandhom ⌫ ~~jenħtieġ, sa fejn hu possibbli~~ ⌦ jikkonformaw ⌫ mal-istandards miftuħa formali.

2. Il-paragrafu 1 ma għandux jimplika obbligu għall-korpi tas-settur pubbliku ⇨ jew għall-impriżi pubbliċi ⇦ li joħolqu jew jadattaw dokumenti jew jipprovdu siltiet biex jikkonformaw ma' dak il-paragrafu meta dan ikun jinvolvi sforz sproporzjonat, li jmur lil hinn minn sempliċi operazzjoni.

3. Abbażi ta' din id-Direttiva, il-korpi tas-settur pubbliku ⇨ u l-impriżi pubbliċi ⇦ ma jistgħux jintalbu jibqgħu jiġġeneraw jew jaħżnu ċertu tip ta' dokumenti bil-ħsieb tal-użu mill-ġdid ta' dawn id-dokumenti minn xi organizzazzjoni tas-settur privata jew tas-settur pubbliku.

⇩ ġdid

4. Il-korpi tas-settur pubbliku u l-impriżi pubbliċi għandhom jagħmlu d-dejta dinamika disponibbli għall-użu mill-ġdid minnufih wara l-ġbir, permezz ta' Interfaċċi ta' Programmazzjoni tal-Applikazzjonijiet (APIs) xierqa.

5. Meta d-disponibbiltà tad-dokumenti minnufih wara l-ġbir tkun taqbeż il-kapaċitajiet finanzjarji u tekniċi tal-korp tas-settur pubbliku jew tal-impriża pubblika, id-dokumenti msemmija fil-paragrafu 4 għandhom ikunu disponibbli fi żmien li ma jxekkilx indebitament l-isfruttament tal-potenzjal ekonomiku tagħhom.

🡻 2013/37/UE Art. 1(6) (adattat)
⇨ ġdid

Artikolu 6

Il-prinċipji li jirregolaw it-tariffar

1. ~~Meta jiġu imposti tariffi għal~~ L~~l~~-użu mill-ġdid tad-dokumenti~~,~~ ~~dawk it-tariffi~~ għandu jkun ⇨ mingħajr ħlas jew ⇦ limitat għall-ispejjeż marġinali mġarrba bir-riġenerazzjoni, bil-forniment u bid-disseminazzjoni ⇨ u, meta applikabbli, bl-anonimizzazzjoni tad-dejta personali u bil-miżuri meħuda biex iħarsu l-informazzjoni kunfidenzjali kummerċjalment ⇦ .

2. ⌦ Bħala eċċezzjoni, ⌫ i~~I~~l-paragrafu 1 ma għandux japplika għal dan li ġej:

(a) il-korpi tas-settur pubbliku li huma mitluba jiġġeneraw dħul biex ikopru parti sostanzjali mill-ispejjeż tagħhom marbuta mat-twettiq tal-kompiti pubbliċi tagħhom;

~~(b) b'deroga, dokumenti li għalihom l-korp tas-settur pubbliku hu meħtieġ jiġġenera dħul biżżejjed biex ikopri parti sostanzjali mill-ispejjeż marbuta mal-ġbir, il-produzzjoni, ir-riproduzzjoni u t-tixrid tagħhom. Dawk ir-rekwiżiti għandhom jiġu ddefiniti bil-liġi jew b'regoli vinkolanti oħra fl-Istat Membru. Fin-nuqqas ta' tali regoli, għandhom jiġu ddefiniti rekwiżiti f'konformità mal-prassi amministrattiva komuni fl-Istat Membru;~~

(b~~c~~) il-libreriji, inkluż il-libreriji universitarji, il-mużewijiet u l-arkivji;~~.~~

⇩ ġdid

(c) l-impriżi pubbliċi.

🡻 2013/37/UE Art. 1(6) (adattat)
⇨ ġdid

3. Fil-każijiet imsemmija fil-punti (a) ud ~~(b)~~ ⇨ (c) ⇦ tal-paragrafu 2, ~~il-korpi tas-settur pubbliku kkonċernati għandhom jikkalkulaw~~ it-tariffi totali ⌦ għandhom jiġu kkalkulati ⌫ skont kriterji oġġettivi, trasparenti u verifikabbli stabbiliti mill-Istati Membri. Id-dħul kollu ~~ta' dawn il-korpi~~ mill-forniment u l-awtorizzazzjoni tal-użu mill-ġdid ta' dokumenti matul il-perjodu xieraq tal-kontabbiltà ma għandux jaqbeż l-ispiża tal-ġbir, tal-ġenerazzjoni, tar-

riġenerazzjoni u tad-disseminazzjoni, ⇨ u, meta applikabbli, tal-anonimizzazzjoni tad-dejta personali u tal-miżuri meħuda biex iħarsu l-informazzjoni kunfidenzjali kummerċjalment ⇦ flimkien ma' redditu raġonevoli fuq l-investiment. It-tariffi għandhom ikunu kkalkulati skont il-prinċipji tal-kontabbiltà ⌦ applikabbli ⌫ ~~applikabbli għall-entitajiet tas-settur pubbliku involuti~~.

4. Meta jintalbu tariffi mill-korpi tas-settur pubbliku msemmija fil-punt (b~~c~~) tal-pararafu 2, id-dħul kollu mill-forniment u l-awtorizzazzjoni tal-użu mill-ġdid ta' dokumenti matul il-perjodu xieraq tal-kontabbiltà ma għandux jaqbeż l-ispiża tal-ġbir, tal-ġenerazzjoni, tar-riġenerazzjoni, tad-disseminazzjoni, tal-preżervazzjoni u tal-ikklerjar tad-drittijiet, ⇨ u, meta applikabbli, tal-anonimizzazzjoni tad-dejta personali u tal-miżuri meħuda biex iħarsu l-informazzjoni kunfidenzjali kummerċjalment ⇦ , flimkien ma' redditu raġonevoli fuq l-investiment. It-tariffi għandhom jiġu kkalkulati skont il-prinċipji tal-kontabbiltà applikabbli għall-korpi tas-settur pubbliku involuti.

⇩ ġdid

5. L-utent ma għandux jintalab iħallas biex juża mill-ġdid is-settijiet tad-dejta ta' valur għoli, li l-lista tagħhom għandha tiġi definita skont l-Artikolu 13, u d-dejta tar-riċerka msemmija fil-punt (c) tal-Artikolu 1(1).

🡻 2013/37/UE Art. 1(7) (adattat)

Artikolu 7

It-trasparenza

1. Fil-każ tat-tariffi standard għall-użu mill-ġdid tad-dokumenti ~~miżmuma mill-korpi tas-settur pubbliku~~, kwalunkwe kundizzjoni applikabbli u l-ammont proprja ta' dawk it-tariffi, inkluż il-bażi tal-kalkolu għal dawk it-tariffi, għandhom jiġu prestabbiliti u ppubblikati, b'mezzi elettroniċi meta possibbli u xieraq.

2. Fil-każ tat-tariffi għall-użu mill-ġdid għajr dawk imsemmija fil-paragrafu 1, ~~il-korp tas-settur pubbliku inkwistjoni għandu jindika mill-bidu liema~~ il-fatturi ⌦ li ⌫ tqiesu għall-kalkolu ta' dawk it-tariffi ⌦ għandhom jiġu indikati mill-bidu ⌫ . Meta jintalab, ~~il-korp tas-settur pubbliku~~ ⌦ id-detentur tad-dokumenti ⌫ inkwistjoni għandu jindika wkoll il-mod kif li ġew ikkalkulati dawn it-tariffi fir-rigward tat-talba speċifika għall-użu mill-ġdid.

~~3. Il-kriterji msemmija fil-punt (b) tal-Artikolu 6(2) għandhom jiġu stabbiliti minn qabel. Għandhom jiġu ppubblikati b'mezzi elettroniċi, meta jkun possibbli u xieraq.~~

⇩ ġdid

3. L-Istati Membri għandhom jippubblikaw lista ta' korpi tas-settur pubbliku msemmija fil-punt (a) tal-Artikolu 6(2).

🡻 2013/37/UE Art. 1(7)

4. Il-korpi tas-settur pubbliku għandhom jiżguraw li l-applikanti tal-użu mill-ġdid tad-dokumenti jkunu infurmati bil-mezzi disponibbli għar-rimedju b'rabta mad-deċiżjonijiet jew il-prattiki li jaffettwawhom.

↓ 2003/98/KE

Artikolu 8

Il-liċenzji

↓ 2013/37/UE Art. 1(8) (adattat)

1. ~~Il-korpi tas-settur pubbliku jistgħu jippermettu~~ L~~l~~-użu mill-ġdid ⌦ tad-dokumenti jista' jitħalla mingħajr kundizzjonijiet ⌫ ~~kundizzjonijiet~~ jew ~~jistgħu jimponu kundizzjonijiet~~ ⌦ jistgħu jsiru kundizzjonijiet ⌫ , meta dan ikun xieraq b'liċenzja. ~~Dawn~~ ⌦ Dawk ⌫ il-kundizzjonijiet ma għandhomx jirrestrinġu bla bżonn il-possibbiltajiet għall-użu mill-ġdid, u ma għandhomx jintużaw biex jirrestrinġu l-kompetizzjoni.

↓ 2003/98/KE (adattat)

2. Fi Stati Membri fejn jintużaw il-liċenzji, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-liċenzji standard għall-użu mill-ġdid tad-dokumenti tas-settur pubbliku, li jkunu jistgħu jiġu adattati biex jissodisfaw l-applikazzjonijiet partikolari tal-liċenzji, ikunu disponibbli b'format diġitali u jkunu jistgħu jiġu pproċessati b'mod elettroniku. L-Istati Membri għandhom ~~iħajru lill-korpi kollha tas-settur pubbliku~~ ⌦ iħeġġu l-użu ⌫ ~~biex jużaw~~ ⌦ ta' dawn ⌫ il-liċenzji standard.

↓ 2013/37/UE Art. 1(9)

Artikolu 9

Arranġamenti prattiċi

L-Istati Membri għandhom jagħmlu arranġamenti prattiċi li jiffaċilitaw it-tiftix tad-dokumenti disponibbli għall-użu mill-ġdid, bħal listi tal-assi ta' dokumenti ewlenin bil-metadejta rilevanti li jkunu aċċessibbli online meta possibbli u xieraq u b'format li jinqara mill-magni, u portali kkollegati mal-listi tal-assi. Meta possibbli, l-Istati Membri għandhom jiffaċilitaw it-tiftix interlingwistiku tad-dokumenti.

⇩ ġdid

Artikolu 10

Id-disponibbiltà u l-użu mill-ġdid tad-dejta tar-riċerka

1. L-Istati Membri għandhom jappoġġaw id-disponibbiltà tad-data tar-riċerka billi jadottaw politiki nazzjonali u azzjonijiet rilevanti bil-għan li jagħmlu d-dejta tar-riċerka ffinanzjata mill-pubbliku disponibbli b'mod miftuħ ("politiki tal-aċċess miftuħ"). Dawn il-politiki tal-aċċess miftuħ għandhom jiġu indirizzati lill-organizzazzjonijiet li jwettqu r-riċerka u lill-organizzazzjonijiet li jiffinanzjaw ir-riċerka.

2. Id-dejta tar-riċerka għandha t tista' tintuża mill-ġdid għal finijiet kummerċjali u mhux kummerċjali, skont il-kundizzjonijiet stabbiliti fil-Kapitoli III u IV, sakemm din tkun iffinanzjat mill-pubbliku u kull meta l-aċċess għal din id-dejta hu mogħti minn repożitorju

istituzzjonali jew ibbażat fuq is-suġġetti. F'dan il-kuntest għandhom jitqiesu l-interessi kummerċjali leġittimi u d-drittijiet tal-proprjetà intellettwali eżistenti qabel. Din id-dispożizzjoni għandha tkun mingħajr preġudizzju għall-punt (c) tal-Artikolu 1(2).

🡻 2003/98/KE (adattat)
⇨ ġdid

KAPITOLU IV

IN-NUQQAS TA' DISKRIMINAZZJONI U L-KUMMERĊ ĠUST

Artikolu *11~~10~~*

Nuqqas ta' diskriminazzjoni

1. Kull kundizzjoni applikabbli għall-użu mill-ġdid tad-dokumenti għandha tkun nondiskriminatorja għall-kategoriji paragunabbli tal-użu mill-ġdid ⌦ , inkluż l-użu mill-ġdid transfruntier ⌫ .

2. Jekk id-dokumenti jintużaw mill-ġdid minn korp tas-settur pubbliku bħala kontribut għall-attivitajiet kummerċjali tiegħu li mhumiex fil-ambitu tal-kompiti pubbliċi tiegħu, għandhom jiġu applikati l-istess tariffi u kundizzjonijiet oħra għall-forniment tad-dokumenti għal dawk l-attivitajiet li japplikaw għall-utenti l-oħra.

Artikolu *12~~11~~*

Il-projbizzjoni ta' arranġamenti esklussivi

1. L-użu mill-ġdid tad-dokumenti għandu jkun miftuħ għall-utenti potenzjali kollha fis-suq, anki jekk ~~utent~~ ⌦ attur ⌫ wieħed jew aktar tas-suq ikunu diġà sfruttaw il-prodotti b'valur miżjud ibbażati fuq dawn id-dokumenti. Il-kuntratti jew arranġamenti oħra bejn korpi tas-settur pubbliku ⇨ jew impriżi pubbliċi ⇦ li jżommu d-dokumenti u partijiet terzi ma għandhomx jagħtu drittijiet esklussivi.

2. Iżda, meta jkun hemm bżonn dritt esklussiv għall-forniment ta' servizz ta' interess pubbliku, il-validità tar-raġuni biex jingħata dak id-dritt esklussiv għandha tkun suġġetta għal rieżami regolari, u f'kull każ għandha tiġi rieżaminata kull tliet snin. L-arranġamenti esklussivi stabbiliti wara d-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva ⇨ għandhom isiru disponibbli għall-pubbliku mill-inqas xahrejn qabel ma jidħlu fis-seħħ. It-termini finali ta' dawn l-arranġamenti ⇦ għandhom ikunu trasparenti u ⌦ disponibbli għall-pubbliku ⌫ ~~jsiru pubbliċi~~.

🡻 2013/37/UE Art. 1(10)(a)

Dan il-paragrafu ma għandux japplika għad-diġitalizzazzjoni tar-riżorsi kulturali.

🡻 2013/37/UE Art. 1(10)(b)

3~~2a~~. Minkejja l-paragrafu 1, meta dritt esklussiv jirrigwarda d-diġitalizzazzjoni tar-riżorsi kulturali, b'mod ġenerali l-perjodu ta' esklussività ma għandux jaqbeż l-10 snin. Jekk dak il-perjodu jaqbeż l-10 snin, id-durata tiegħu għandha tkun suġġetta għal rieżami tul il-11-il sena u, jekk applikabbli, kull seba' snin wara dan.

L-arranġamenti li jagħtu drittijiet esklussivi msemmija fl-ewwel subparagrafu għandhom ikunu trasparenti u disponibbli għall-pubbliku.

Fil-każ ta' dritt esklussiv imsemmi fl-ewwel subparagrafu, il-korp tas-settur pubbliku kkonċernat għandu jingħata kopja mingħajr ħlas tar-riżorsi kulturali diġitalizzati bħala parti minn dawk l-arranġamenti. Dik il-kopja għandha tkun disponibbli għall-użu mill-ġdid fi tmiem il-perjodu ta' esklussività.

⇩ ġdid

4. L-arranġamenti prattiċi jew legali li, mingħajr ma espressament jagħtu dritt esklużiv, ikollhom l-għan jew jistgħu raġonevolment ikunu mistennija jwasslu għal disponibbiltà ristretta tal-użu mill-ġdid tad-dokumenti minn entitajiet li mhumiex il-partijiet terzi li qed jieħdu sehem fl-arranġament, għandhom ikunu disponibbli għall-pubbliku mill-inqas xahrejn qabel ma jidħlu fis-seħħ. It-termini finali ta' dawn l-arranġamenti għandhom ikunu trasparenti u disponibbli għall-pubbliku.

🡻 2013/37/UE Art. 1(10)(c) (adattat)

~~3. Arranġamenti esklussivi eżistenti fl-1 ta' Lulju 2005 li ma jikkwalifikawx għall-eċċezzjonijiet skont il-paragrafu 2 għandhom jiġu tterminati fl-aħħar tal-kuntratt jew, f'kull każ, sa mhux aktar tard mill-31 ta' Diċembru 2008.~~

🡻 2013/37/UE Art. 1(10)(d) (adattat)

5~~4~~. ~~Bla ħsara għall-paragrafu 3,~~ L~~l~~-arranġamenti esklussivi eżistenti fis-17 ta' Lulju 2013 li ma jikkwalifikawx għall-eċċezzjonijiet skont il-paragrafi 2 u 3~~2a~~ għandhom jiġu tterminati fl-aħħar tal-kuntratt u f'kull każ sa mhux aktar tard mit-18 ta' Lulju 2043.

⇩ ġdid

KAPITOLU V

SETTIJIET TAD-DEJTA TA' VALUR GĦOLI

Artikolu 13

Lista ta' settijiet tad-dejta ta' valur għoli

1. Bil-ħsieb li jintlaħqu l-għanijiet ta' din id-Direttiva, il-Kummissjoni għandha tadotta l-lista ta' settijiet tad-dejta ta' valur għoli fost id-dokumenti li tapplika għalihom din id-Direttiva, flimkien mal-modalitajiet tal-pubblikazzjoni u l-użu mill-ġdid tagħhom.

2. Dawn is-settijiet tad-dejta għandhom ikunu disponibbli mingħajr ħlas, b'format li jinqara mill-magni u aċċessibbli permezz tal-APIs. Il-kundizzjonijiet għall-użu mill-ġdid għandhom ikunu kompatibbli mal-liċenzji standard miftuħa.

3. Bħala eċċezzjoni, id-disponibilità mingħajr ħlas imsemmija fil-paragrafu 2 ma għandhiex tapplika għad-settijiet tad-dejta ta' valur għoli tal-impriżi pubbliċi jekk il-valutazzjoni tal-impatt imsemmija fl-Artikolu 13(7) turi li s-settijiet tad-dejta disponibbli mingħajr ħlas se jwasslu għal distorsjoni konsiderevoli tal-kompetizzjoni fis-swieq rispettivi.

4. Minbarra l-kundizzjonijiet stabbiliti fil-paragrafu 2, il-Kummissjoni tista' tiddefinixxi modalitajiet applikabbli oħra, b'mod partikolari:

a. kundizzjonijiet għall-użu mill-ġdid;

b. formati tad-dejta u tal-metadejta u modalitajiet tekniċi għall-pubblikazzjoni u d-disseminazzjoni tagħhom.

5. L-għażla tas-settijiet tad-dejta għal-lista msemmija fil-paragrafu 1 għandha tkun ibbażata fuq il-valutazzjoni tal-potenzjal tagħhom li jiġġeneraw benefiċċji soċjoekonomiċi, l-għadd ta' utenti u d-dħul li jistgħu jgħinu biex jiġġeneraw, u l-potenzjal tagħhom li jiġu kkombinati ma' settijiet oħra tad-dejta.

6. Il-Kummissjoni għandha tadotta l-miżuri msemmija f'dan l-Artikolu permezz ta' atti delegati b'konformità mal-Artikolu 290 tat-TFUE u soġġetti għall-proċedura stabbilita fl-Artikolu 14.

7. Qabel l-adozzjoni tal-att delegat, il-Kummissjoni għandha twettaq valutazzjoni tal-impatt, inkluż analiżi tal-kostbenefiċċji, u tiżgura li l-att jikkumplimenta l-istrumenti legali eżistenti bbażati skont is-settur, fir-rigward tal-użu mill-ġdid tad-dokumenti li huma fil-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-Direttiva. Fejn jikkonċerna lil settijiet tad-dejta ta' valur għoli miżmuma mill-impriżi pubbliċi, il-valutazzjoni tal-impatt għandha tagħti attenzjoni speċjali lir-rwol tal-impriżi pubbliċi f'ambjent ekonomiku kompetittiv.

🡻 2003/98/KE

KAPITOLU VI~~V~~

DISPOŻIZZJONIJIET FINALI

⇩ ġdid

Artikolu 14

Eżerċitar tad-delega

1. Is-setgħa li tadotta atti delegati hi mogħtija lill-Kummissjoni, soġġetta għall-kundizzjonijiet stabbiliti f'dan l-Artikolu.

2. Is-setgħa li tadotta l-atti delegati msemmijin fl-Artikolu 13 għandha tingħata lill-Kummissjoni għal perjodu ta' ħames snin minn [id-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva]. Il-Kummissjoni għandha tfassal rapport dwar id-delega tas-setgħat sa mhux aktar tard minn disa' xhur qabel tmiem il-perjodu ta' ħames snin. Id-delega tas-setgħat għandha tiġi estiża b'mod taċitu għal perjodi ta' l-istess tul, diment li l-Parlament Ewropew jew il-Kunsill ma jkunux opponew din l-estensjoni sa mhux aktar tard minn tliet xhur qabel it-tmiem ta' kull perjodu.

3. Id-delega tas-setgħat imsemmija fl-Artikolu 13 tista' tiġi revokata fi kwalunkwe mument mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill. Deċiżjoni ta' revoka għandha ttemm id-delega tas-setgħat speċifikata f'dik id-deċiżjoni. Din għandha ssir effettiva l-għada tal-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* jew f'data aktar tard speċifikata hemmhekk. Din ma għandhiex taffettwa l-validità ta' xi att delegat li diġà jkun fis-seħħ.

4. Qabel ma tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tikkonsulta esperti innominati minn kull Stat Membru skont il-prinċipji stipulati fil-Ftehim Interistituzzjonali dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet tat-13 ta' April 2016.

5. Hekk kif tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tinnotifikah simultanjament lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

6. Att delegat adottat skont l-Artikolu 13 għandu jidħol fis-seħħ biss jekk la l-Parlament Ewropew u lanqas il-Kunsill ma jkunu oġġezzjonaw għalih fi żmien xahrejn minn mindu jkunu ġew mgħarrfa bih jew jekk, qabel ma jiskadi dak il-perjodu, kemm il-Parlament Ewropew u kemm il-Kunsill ikunu għarrfu lill-Kummissjoni li mhumiex se joġġezzjonaw għalih. Dak il-perijodu għandu jiġi estiż b'xahrejn fuq l-inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill.

➔ 2003/98/KE (adattat)

Artikolu 15~~12~~

~~Implimentazzjoni~~ ⌦ Traspożizzjoni ⌫

1. L-Istati Membri għandhom idaħħlu fis-seħħ il-liġijiet, ir-regolamenti u d-disposizzjonijiet amministrattivi meħtieġa biex ikunu konformi, .~~ma' din id-Direttiva~~ ⌦ mal-Artikoli […] ⌫ sa ~~l-1 ta' Lulju 2005~~ ⌦ […] ⌫ . Dawn għandhom ⌦ jikkomunikaw minnufih it-test ta' dawk il-miżuri ⌫ lill-Kummissjoni.

Meta l-Istati Membri jadottaw dawk il-miżuri, dawn għandu jkun fihom referenza għal din id-Direttiva jew ⌦ għandhom ⌫ ikunu akkumpanjati minn dik ir-referenza waqt il-pubblikazzjoni uffiċjali tagħhom. ⌦ Dawn għandhom jinkludu wkoll dikjarazzjoni li r-referenzi fil-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi eżistenti għad-Direttivi mħassra b'din id-Direttiva għandhom jiġu interpretati bħala referenzi għal din id-Direttiva.. ⌫ L-Istati Membri għandhom jiddeterminaw kif għandha ssir din ir-referenza ⌦ u kif għandha tiġi fformulata dik id-dikjarazzjoni ⌫ .

⌦ 2. L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni t-test tad-dispożizzjonijiet ewlenin tal-liġi nazzjonali li jadottaw fil-qasam kopert minn din id-Direttiva. ⌫

➔ 2013/37/UE Art. 1(11) (adattat) ⇨ ġdid

Artikolu 16~~13~~

~~Rieżami~~ ⌦ Evalwazzjoni ⌫

1. ⇨ Mhux qabel erba' snin wara d-data tat-traspożizzjoni ta' din id-Direttiva, ⇦ i~~I~~l-Kummissjoni għandha twettaq ⌦ evalwazzjoni ⌫ ~~rieżami~~ ta' din id-Direttiva ~~qabel it-18 ta' Lulju 2018~~ u ~~, għandha tikkomunika r-riżultati ta' dak ir-rieżami, flimkien ma' xi proposti għal modifiki ta' din id-Direttiva,~~ ⌦ tippreżenta Rapport dwar is-sejbiet ewlenin ⌫ lill-Parlament Ewropew~~,~~ ~~u~~ lill-Kunsill ⇨ u lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew. L-evalwazzjoni għandha ssir skont il-Linji Gwida tal-Kummissjoni għal Regolamentazzjoni Aħjar[52]. L-Istati Membri għandhom jagħtu l-informazzjoni meħtieġa lill-Kummissjoni għat-tħejjija ta' dak ir-Rapport ⇦ .

~~2. L-Istati Membri għandhom iressqu rapport kull 3 snin lill-Kummissjoni dwar id-disponibbiltà tal-informazzjoni tas-settur pubbliku għall-użu mill-ġdid u l-kundizzjonijiet li skonthom issir disponibbli u l-prattiki tar-rikors. Abbażi ta' dan ir-rapport, li għandu jsir pubbliku, l-Istati Membri għandhom iwettqu rieżami tal-implimentazzjoni tal-Artikolu 6, b'mod partikolari fir-rigward tat-tariffar 'il fuq mill-ispejjeż marġinali.~~

2~~3~~. L-evalwazzjoni ~~Ir-rieżami, imsemmi fil-paragrafu 1~~ għandha tindirizza b'mod partikolari l-kamp ta' applikazzjoni u l-impatt ta' din id-Direttiva, inkluż id-daqs taż-żieda fl-użu mill-ġdid tad-dokumenti tas-settur pubbliku, ⌦ li tapplika għalihom din id-Direttiva ⌫ , l-effetti tal-prinċipji applikati għat-tariffar u l-użu mill-ġdid ta' testi uffiċjali ta' natura leġiżlattiva u amministrattiva, ⇨ l-użu mill-ġdid tad-dokumenti miżmuma minn entitajiet oħra li mhumiex korpi tas-settur pubbliku, ⇦ l-interazzjoni bejn ir-regoli dwar il-protezzjoni tad-dejta u l-possibbiltajiet tal-użu mill-ġdid, kif ukoll possibbiltajiet oħra biex jitjieb il-funzjonament xieraq tas-suq intern u l-iżvilupp ~~tal-industrija tal-kontenut Ewropew~~ ⇨ tal-ekonomija tad-dejta Ewropea ⇦ .

➔

Artikolu 17

Revoka

Id-Direttiva 2003/98/KE, kif emendata mid-Direttiva elenkata fl-Anness I, il-Parti A, hi mħassra b'effett [l-għada tad-data fl-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 15(1)], mingħajr preġudizzju għall-obbligi tal-Istati Membri rigward il-limiti taż-żmien għat-traspożizzjoni fil-liġi nazzjonali u d-data tal-applikazzjoni tad-Direttivi stabbiliti fl-Anness I, il-Parti B.

Ir-referenzi għad-Direttiva mħassra għandhom jitqiesu bħala referenzi għal din id-Direttiva u għandhom jinqraw skont it-tabella ta' korrelazzjoni fl-Anness II.

[52] SWD (2017)350

↓ 2003/98/KE (adattat)

Artikolu 18~~14~~

Dħul fis-seħħ

Din id-Direttiva għandha tidħol fis-seħħ ⌦ fl-għoxrin ⌫ jum ⌦ wara dak ⌫ tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Artikolu 19~~15~~

Destinatarji

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Parlament Ewropew
Il-President

Għall-Kunsill
Il-President